IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 30.5.2018
COM(2018) 386 final

2018/0211 (COD)

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

li jistabbilixxi Programm tal-UE Kontra l-Frodi

{SWD(2018) 294 final}

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. IL-KUNTEST TAL-PROPOSTA

Fil-kuntest tat-tħejjija tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP) li jmiss, jeħtieġ li jitfassal programm biex jappoġġa l-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-UE kif ukoll l-assistenza amministrattiva reċiproka bejn l-awtoritajiet doganali.

Saret evalwazzjoni *ex ante* rigward l-programm il-ġdid, b'konformità mal-Artikolu 30(4) tar-Regolament Finanzjarju tal-2016, fil-forma ta' Dokument ta' Ħidma tal-Persunal.

Din il-proposta tipprevedi data għall-applikazzjoni tal-1 ta' Jannar 2021 u qed tiġi ppreżentata għal Unjoni ta' 27 Stat Membru, b'konformità man-notifika mir-Renju Unit bl-intenzjoni tiegħu li joħroġ mill-Unjoni Ewropea (UE) u l-Euratom fuq il-bażi tal-Artikolu 50 tat-Trattat tal-Unjoni Ewropea li waslet għand il-Kunsill Ewropew fid-29 ta' Marzu 2017.

• Raġunijiet u għanijiet

L-Artikolu 325 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) jipprevedi l-obbligu kondiviż tal-Istati Membri u tal-UE biex jipproteġu l-interessi finanzjarji ta' din tal-aħħar. L-Artikolu 33 TFUE jipprevedi t-tisħiħ tal-kooperazzjoni doganali bejn l-Istati Membri u bejn dawn u l-Kummissjoni. L-implimentazzjoni tal-baġits pluriennali preċedenti tal-Unjoni kienet akkumpanjata minn sett ta' miżuri li jakkumpanjaw lill-Istati Membri u lill-Unjoni in ġenerali fil-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-frodi li taffettwa l-interessi finanzjarji tal-Unjoni, u fl-appoġġ għall-assistenza amministrattiva reċiproka u għall-kooperazzjoni fi kwistjonijiet ta' dwana u ta' agrikoltura. Dawn il-miżuri jinkludu (i) il-programm ta' nfiq Hercule III[1] li jappoġġa l-attivitajiet kontra l-frodi, il-korruzzjoni u kull attività oħra illegali li taffettwa l-interessi finanzjarji tal-Unjoni, (ii) is-Sistema ta' Informazzjoni għal Kontra l-Frodi (Anti-Fraud Information System - AFIS) li hija attività operazzjonali li tikkonsisti essenzjalment f'sett doganali ta' applikazzjonijiet tal-IT operati fis-sistema ta' informazzjoni komuni ġestita mill-Kummissjoni, imwaqqfa biex twettaq il-kompiti fdati lill-Kummissjoni mir-Regolament 515/97[2], u (iii) is-Sistema ta' Ġestjoni tal-Irregolaritajiet (Irregularity Management System - IMS) li hija għodda ta' komunikazzjoni elettronika sigura li tiffaċilita l-obbligu tal-Istati Membri li jirrapportaw l-irregolaritajiet li jsibu, inkluża l-frodi, u li tappoġġa l-ġestjoni u l-analiżi tagħhom Minkejja li huwa diffiċli li wieħed jikkwantifika l-impatt finanzjarju tagħhom, huma kkontribwixxew biex ammonti kbar ta' flus jidħlu lura fil-baġit tal-UE. Pereżempju, il-programm Hercule ffinanzja l-iżvilupp tal-Għodda Awtomatizzata ta' Monitoraġġ (Automated Monitoring Tool - AMT), għodda tal-IT li tidentifika anomaliji fil-flussi kummerċjali. Din l-għodda ntużat f'diversi operazzjonijiet doganali u kienet strumentali biex jiġu identifikati skemi frawdolenti kbar ta' sottovalutazzjoni tal-merkanzija fl-importazzjoni ta' tessuti u xedd is-saqajn minn pajjiżi terzi.

L-esperjenza fil-passat turi li l-interessi finanzjarji tal-Unjoni Ewropea huma affettwati kemm mill-frodi kif ukoll mill-irregolaritajiet. Kull sena, ir-Rapport Annwali dwar il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-UE[3] juri li l-livell ta' dawn l-irregolaritajiet, inkluża l-frodi, għalkemm ivarja, jeħtieġ azzjoni min-naħa tal-Unjoni. Barra minn hekk, il-Qafas Finanzjarju Pluriennali li jmiss (QFP) se jkun

---

1 Ir-Regolament (UE) Nru 250/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 li jistabbilixxi programm għall-promozzjoni ta' attivitajiet fil-qasam tal-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni Ewropea (il-programm Hercule III) u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 804/2004/KE (ĠU L 84, 20.3.2014, p. 6).

2 Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 515/97 tat-13 ta' Marzu 1997 dwar għajnuna reċiproka bejn l-awtoritajiet amministrattivi tal-Istati Membri u l-koperazzjoni bejn dawn tal-aħħar u l-Kummissjoni biex ikun assigurat l-applikar korrett tal-liġi dwar materji doganali u agrikoli, kif emendat l-aħħar mir-Regolament 2015/1525 (ĠU L 82, 22.3.1997, p. 1).

3 Ir-rapporti PIF kollha huma aċċessibbli mis-sit web tal-Kummissjoni: https://ec.europa.eu/anti-fraud/about-us/reports/communities-reports_en.

implimentat fuq sfond ta' bidliet sinifikanti fil-qafas leġiżlattiv u istituzzjonali għall-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni, b'mod partikolari bl-istabbiliment tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (UPPE) u l-implimentazzjoni tad-Direttiva (UE) 2017/1371 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Lulju 2017 dwar il-ġlieda kontra l-frodi tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni permezz tal-liġi kriminali (id-Direttiva PIF)[4].

Minn perspettiva ta' implimentazzjoni tal-baġit, l-IMS mhuwiex programm ta' finanzjament iżda attività operazzjonali. Il-Kummissjoni għandha l-kompitu tal-attività tal-IMS permezz ta' leġiżlazzjoni settorjali. Is-sistema tal-IMS jeħtieġ li tinżamm u tiġi żviluppata b'mod adegwat sabiex tippermetti li l-Istati Membri jikkonformaw mal-obbligi ta' rapportar tagħhom u biex il-Kummissjoni jkollha d-data meħtieġa sabiex tanalizza l-kisbiet ewlenin fid-detezzjoni u r-rapportar tal-irregolaritajiet, inkluża l-frodi, b'rabta mal-baġit tal-Unjoni fl-oqsma tal-ġestjoni kondiviża u ta' qabel l-adeżjoni.

Bħall-IMS, l-AFIS hija, minn perspettiva ta' implimentazzjoni tal-baġit, attività operazzjonali. Il-gruppi kriminali qed isiru partikolarment dejjem aktar sofistikati u bi sfidi ġodda li qed jinħolqu fil-ġlieda kontra l-frodi, inkluż b'konnessjoni mal-iżviluppi teknoloġiċi, il-ħtieġa għal assistenza amministrattiva reċiproka bejn l-awtoritajiet doganali u l-kooperazzjoni mal-Kummissjoni għadha b'saħħitha.

It-twaqqif ta' Programm tal-UE Kontra l-Frodi ġeneralment se jirreplika l-programm Hercule III, b'xi titjib bħall-possibbiltà li jiffinanzja inizjattivi ġodda (pereż. dwar l-analiżi tad-data), u jikkombinah mal-bażi ta' finanzjament għall-AFIS u għall-IMS. Huwa se jieħu wkoll vantaġġ mill-possibbiltajiet li nħolqu permezz tar-Regolament Finanzjarju l-ġdid. Il-Programm tal-UE Kontra l-Frodi se jiggarantixxi l-kontinwità tas-sostenn tal-Unjoni għall-attivitajiet tal-Istati Membri u tal-Kummissjoni biex jiddefendu l-interessi finanzjarji tal-Unjoni u b'appoġġ għall-assistenza amministrattiva reċiproka bejn l-Istati Membri u għall-kooperazzjoni bejn dawn tal-aħħar u l-Kummissjoni f'materji doganali u agrikoli.

Il-Programm tal-UE Kontra l-Frodi se jsaħħaħ u jissimplifika wkoll is-sostenn li tagħti bħalissa l-Unjoni għall-isforzi biex jiġu protetti l-interessi finanzjarji tal-Unjoni u għal assistenza amministrattiva reċiproka f'materji doganali, kif ukoll se jisfrutta s-sinerġiji u joħloq flessibbiltà bejn id-diversi azzjonijiet li jeżistu bħalissa.

Il-Programm se jkollu żewġ **għanijiet ġenerali**:

(1) Il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni Ewropea.

(2) Sostenn għall-assistenza reċiproka bejn l-awtoritajiet amministrattivi tal-Istati Membri u l-koperazzjoni bejn dawn tal-aħħar u l-Kummissjoni biex tkun iggarantita l-applikazzjoni korretta tal-liġi dwar materji doganali u agrikoli.

Minn dawn l-għanijiet ġenerali, joħorġu direttament l-**għanijiet speċifiċi** tal-Programm, li se jkunu tlieta:

(1) Il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-frodi, il-korruzzjoni u kull attività illegali oħra li taffettwa l-interessi finanzjarji tal-Unjoni.

(2) L-appoġġ għar-rapportar tal-irregolaritajiet, inkluża l-frodi, fir-rigward tal-ġestjoni kondiviża u tal-fondi ta' assistenza ta' qabel l-adeżjoni tal-baġit tal-Unjoni.

(3) Il-forniment ta' għodod għall-iskambju ta' informazzjoni u għas-sostenn ta' attivitajiet operazzjonali fil-qasam tal-assistenza amministrattiva reċiproka f'materji doganali u agrikoli.

[4] Id-Direttiva (UE) 2017/1371 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Lulju 2017 dwar il-ġlieda kontra l-frodi tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni permezz tal-liġi kriminali, (ĠU L 198, 28.7.2017, p. 29).

- **Konsistenza mad-dispożizzjonijiet eżistenti tal-politika**

Bosta atti legali fil-livell tal-Unjoni jindirizzaw il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni, b'mod partikolari: Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013[5] li jistabbilixxi regoli dwar investigazzjonijiet immexxija mill-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF), ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 515/97 dwar l-Assistenza Amministrattiva Reċiproka f'materji doganali u agrikoli u aktar reċenti, ir-Regolament 1939/2017[6] li jimplimenta kooperazzjoni msaħħa dwar l-istabbiliment tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (l-UPPE) u d-Direttiva PIF. Il-leġiżlazzjoni settorjali tinkludi wkoll dispożizzjonijiet dwar il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni. Il-Programm tal-UE Kontra l-Frodi se jipprovdi assistenza lill-Istati Membri u lill-korpi rilevanti tal-Unjoni sabiex jgħinhom jipproteġu aħjar l-interessi finanzjarji tal-Unjoni. Jeħtieġ li dan jappoġġa lill-istrumenti ta' politika msemmija hawn fuq.

Fil-qasam tad-dwana, il-komponent AFIS tal-Programm tal-UE Kontra l-Frodi se jkompli jkopri l-attivitajiet fil-kompitu tal-Kummissjoni permezz tar-Regolament 515/97. Fl-aħħar nett, il-komponent tal-IMS se jkopri l-attivitajiet fdati lill-Kummissjoni permezz tal-leġiżlazzjonijiet settorjali.

- **Konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni**

Skont il-qafas finanzjarju pluriennali l-ġdid se jitwaqqaf strument ġdid għat-Tagħmir tal-Kontroll Doganali biex isostni unjoni doganali li tiffunzjona tajjeb, inkluż billi jinxtara tagħmir ta' kontroll għall-awtoritajiet doganali. Il-Programm tal-UE Kontra l-Frodi u l-programm għat-Tagħmir tal-Kontroll Doganali se jkunu kumplimentari, billi kull wieħed se jkun jiffoka fuq tipi differenti ta' sostenn doganali: il-Programm tal-UE Kontra l-Frodi se jagħti sostenn, fost l-oħrajn, lix-xiri ta' tagħmir inkluż tagħmir żgħir doganali għall-awtoritajiet doganali u dawk mhux doganali, fejn ikun speċifikament immirat għall-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni, filwaqt li l-programm il-ġdid għat-tagħmir doganali huwa pjuttost immirat għall-finanzjament tal-akkwista ta' apparat doganali akbar sabiex titjieb l-uniformità fil-prestazzjoni tal-kontrolli doganali madwar l-Istati Membri.

Pereżempju, dan it-tip ta' tagħmir li ġej jista' jkun fil-kompetenza tal-Programm tal-UE Kontra l-Frodi mingħajr ma jkun hemm duplikazzjoni mal-istrument għat-Tagħmir tal-Kontroll Doganali: tagħmir diġitali għall-forensika, tagħmir tas-sorveljanza, tagħmir għall-intelligence, tagħmir għall-ġlieda kontra l-kuntrabandu tas-sigaretti, bħal klieb tat-tfittxija. Barra minn hekk, b'differenza mit-Tagħmir tal-Kontroll Doganali, il-Programm tal-UE Kontra l-Frodi se jagħti appoġġ lil awtoritajiet mhux doganali, bħall-awtoritajiet tat-taxxa, l-awtoritajiet ġudizzjarji, l-ispettorati tal-pulizija u l-pulizija tal-fruntieri, il-ministeri, diversi korpi investigattivi, korpi kontra l-korruzzjoni eċċ.

Politiki oħra tal-Unjoni f'oqsma bħall-Ġustizzja, id-Dwana u l-Affarijiet Interni kif ukoll il-programmi relevanti tagħhom se jittrattaw sfidi speċifiċi f'dawk l-oqsma, li se jkunu kontigwi mal-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni. Mhux mistenni li jkun hemm duplikazzjoni bejn dawn il-programmi u l-Programm tal-UE Kontra l-Frodi. Fil-kuntest tat-tħejjija tal-Programmi ta' Ħidma Annwali se tiġi esplorata l-possibbiltà li tiġi evitata d-duplikazzjoni u li jinstabu sinerġiji bejn il-Programm tal-UE Kontra l-Frodi u programmi oħra relevanti f'oqsma bħall-Ġustizzja, id-Dwana, u l-Affarijiet Interni.

---

5 Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Settembru 2013 dwar investigazzjonijiet immexxija mill-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF) u li jħassar ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 1073/1999 u r-Regolament tal-Kunsill (Euratom) Nru 1074/1999 (OJ L 248, 18.9.2013, p. 1).

6 Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2017/1939 tat-12 ta' Ottubru 2017 li jimplimenta kooperazzjoni msaħħa dwar l-istabbiliment tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew ("l-UPPE"); (ĠU L 283, 31.10.2017, p. 1).

2. BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

- **Bażi ġuridika**

Il-bażi ġuridika tal-Programm tal-UE Kontra l-Frodi se jikkombina **l-Artikolu 325 TFUE**, li jiddeskrivi l-obbligi kondiviżi tal-Istati Membri u tal-Unjoni għall-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni, u **l-Artikolu 33 TFUE** dwar il-kooperazzjoni doganali billi r-Regolament 515/97, li jipprevedi l-aspetti operazzjonali ffinanzjati mill-komponent AFIS tal-Programm tal-UE Kontra l-Frodi, huwa bbażat fuq l-Artikolu 33 TFUE (flimkien mal-Artikolu 325 TFUE)[7].

- **Sussidjarjetà**

L-irregolaritajiet fil-baġit tal-Unjoni, inkluża l-frodi, huma b'definizzjoni, fenomenu mifrux mal-Unjoni kollha li mhuwiex limitat għal xi Stat Membru. Dan huwa partikolarment evidenti fejn il-frodi għandha dimensjoni transfruntiera min-naħa tal-infiq jew, min-naħa tad-dħul, pereżempju f'każijiet ta' sottovalutazzjoni ta' oġġetti importati biex jiġu evitati d-dazji doganali u b'hekk taffettwa direttament ir-riżorsi proprji tradizzjonali tal-Unjoni.

Għal dak li jirrigwarda l-komponent Hercule tal-Programm tal-UE Kontra l-Frodi, l-intervent fil-livell tal-UE fil-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni huwa ġġustifikat f'termini ta' sussidjarjetà fejn huwa jiffaċilita l-kooperazzjoni bejn l-Unjoni u l-Istati Membri jew bejn l-Istati Membri nfushom, mingħajr ma jimponi fuq ir-responsabbiltajiet tal-Istati Membri (pereżempju, biex ifasslu u jimplimentaw is-sistemi speċifiċi tagħhom stess kontra l-frodi). L-appoġġ li se jingħata f'din l-inizjattiva se jsaħħaħ il-kooperazzjoni transfruntiera.

Il-valur miżjud tal-Unjoni tal-AFIS jirriżulta mid-dimensjoni ta' koordinazzjoni tiegħu, speċjalment f'termini ta' ġbir u aċċess għad-data li ma jkunx jista' jinkiseb fil-livell nazzjonali, u billi tiġi ffaċilitata l-prestazzjoni tajba tal-missjonijiet tal-awtoritajiet doganali nazzjonali u l-assistenza reċiproka tagħhom kif ukoll il-kooperazzjoni mal-Kummissjoni.

L-IMS hija l-unika bażi tad-data fil-livell tal-Unjoni li tikkonsolida l-informazzjoni rrapportata dwar l-irregolaritajiet, inkluża l-frodi, fil-fondi tal-ġestjoni kondiviża u ta' qabel l-adeżjoni, skont kull qasam ta' azzjoni tal-Unjoni u kull Stat Membru. Din tippermetti diversi tipi ta' analiżijiet u tgħin fl-iżvilupp ta' politika tal-Unjoni kontra l-frodi bbażata fuq l-evidenza. Il-valur miżjud ta' stampa kompleta tal-Unjoni huwa li dan jippermetti li jiġu identifikati riskji u mudelli komuni, li jiġu definiti u implimentati approċċi komuni kontra l-frodi, fid-dawl tal-protezzjoni effettiva u ekwivalenti tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni.

Barra minn hekk, l-attivitajiet fil-komponenti tal-AFIS u tal-IMS tal-Programm tal-UE Kontra l-Frodi jsiru fil-livell tal-Unjoni kif previst fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni skont il-leġiżlazzjoni relevanti tal-Unjoni, li huma stess huma konformi mal-prinċipju tal-proporzjonalità.

- **Proporzjonalità**

Il-komponent Hercule tal-Programm tal-UE Kontra l-Frodi jipprovdi lill-Istati Membri b'assistenza mmirata biex jirrispettaw l-obbligu tagħhom li jipproteġu l-interessi finanzjarji tal-Unjoni. Huwa limitat għal dak li hu meħtieġ biex jintlaħqu l-għanijiet proposti, u għaldaqstant jikkonforma mal-prinċipju tal-proporzjonalità.

[7] L-AFIS ikopri attivitajiet li ma mhumiex koperti mill-Artikolu 325 TFUE (pereż. il-kooperazzjoni doganali b'konnessjoni mal-prodotti illegali).

Il-komponenti AFIS u IMS tal-Programm ikopru biss l-obbligi finanzjarji imposti fuq il-Kummissjoni minn leġiżlazzjoni sekondarja, u ma jmissux mal-aspetti operazzjonali tal-AFIS u tal-IMS. Bħala tali, huma jikkonformaw mal-prinċipju tal-proporzjonalità.

- **L-għażla tal-istrument**

Il-bażi ġuridika għall-programm preċedenti Hercule (ir-Regolament 250/2014), se tiskadi fl-aħħar tal-2020. Għaldaqstant, se jkun meħtieġ li jiġi stabbilit Programm tal-UE Kontra l-Frodi f'regolament ġdid biex tiġi żgurata l-kontinwità tal-appoġġ tal-Unjoni lill-attivitajiet imwettqa mill-Kummissjoni u mill-Istati Membri bil-għan li tingħata assistenza fil-ġlieda kontra l-frodi. L-adozzjoni tal-Programm tal-UE Kontra l-Frodi toffri opportunità biex il-komponent Hercule jingħaqad mal-bażi ta' finanzjament tal-AFIS u tal-IMS, għal finijiet ta' simplifikazzjoni u biex jinstabu sinerġiji operazzjonali, amministrattivi u baġitarji

3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET RETROSPETTIVI, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

- **Evalwazzjonijiet retrospettivi / kontrolli tal-idoneità tal-leġiżlazzjoni eżistenti**

Hercule ġie evalwat darbtejn f'dawn l-aħħar snin. Ir-rapport *ex post* tal-Kummissjoni dwar l-evalwazzjoni tal-programm Hercule II (2007-2013) ġie adottat u mibgħut lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill f'Mejju 2015[8]. Ir-rapport ta' evalwazzjoni ta' nofs it-terminu tal-Kummissjoni dwar Hercule III (li beda fl-1 ta' Jannar 2014 sa Ġunju 2017, l-ewwel nofs tal-perjodu ta' seba' snin li matulhom idum il-programm) ġie adottat u mibgħut fil-bidu ta' Jannar 2018[9]. Din l-evalwazzjoni kkonstatat li l-programm Hercule III kien fil-parti l-kbira ssodisfa l-missjoni tiegħu li jipproteġi l-interessi finanzjarji tal-Unjoni. Il-Programm għalhekk ġie meqjus effettiv. Wera li hu rilevanti bil-possibbiltà li tiġi kkunsidrata l-estensjoni tal-għanijiet operazzjonali tiegħu, filwaqt li kien hemm fis-seħħ il-mekkaniżmi neċessarji biex jiżguraw il-koerenza tiegħu. Ġie ppruvat ukoll li l-Programm huwa ġeneralment effiċjenti. Matul l-evalwazzjoni ġie suġġerit li kien hemm spazju għal titjib sabiex jittaffa l-piż li jiġġeneraw il-proċessi tal-applikazzjoni u rappurtar. Għal dan il-għan, il-Kummissjoni bdiet tuża' sistema ta' ġestjoni elettronika biex jintbagħtu, jiġu pproċessati u ġestiti l-applikazzjonijiet għal sovvenzjoni skont il-programm. Hemm valur miżjud ċar li programm bħal dan ikun fil-livell tal-Unjoni, u l-attivitajiet tiegħu nstab li kienu sostenibbli.

F'dak li jirrigwarda l-AFIS u l-IMS, billi dawn mhumiex programmi finanzjarji, mhumiex soġġetti għaċ-ċikli ta' evalwazzjoni korrispondenti. Madankollu, hemm indikaturi li jistgħu jitqiesu sabiex tiġi evalwata l-prestazzjoni tagħhom dwar l-attivitajiet operazzjonali relatati[10]. Barra minn hekk, l-AFIS huwa soġġett għal rapporti ta' kontroll regolari li jsiru mill-Kummissjoni. L-aktar riċenti fosthom jindikaw li aktar minn 80 % tal-utenti tal-Istati Membri huma sodisfatti bil-funzjonalità u l-prestazzjoni tad-diversi applikazzjonijiet tal-AFIS, kif ukoll bit-taħriġ ipprovdut dwar l-AFIS.

---

8 Rapport tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar il-kisba tal-objettivi tal-Programm Hercule II, COM(2015) 221 final.

9 Ir-Rapport tal-Kummissjoni lill-Parlament u lill-Kunsill, Evalwazzjoni ta' Nofs it-Terminu tar-Regolament (UE) Nru 250/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 li jistabbilixxi programm għall-promozzjoni ta' attivitajiet fil-qasam tal-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni Ewropea (il-programm Erkole III) u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 804/2004/KE, COM(2018) 3 final.

10 B'mod partikolari fuq il-bażi tar-rapporti annwali tal-Kummissjoni dwar l-attivitajiet tal-AFIS (skont l-Artikolu 51a tar-Regolament 515/97) bħala parti mir-rapport tal-Kummissjoni dwar il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-UE (ir-Rapport PIF). L-IMS kienet evalwata fid-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni dwar "L-implimentazzjoni tal-Artikolu 325 TFUE mill-Istati Membri" u "Segwitu tar-rakkomandazzjonijiet għar-Rapport PIF tal-Kummissjoni" li jakkumpanjaw lil dan ir-rapport. Għar-rapport tal-2016 ara COM (2017) 383 final u SWD(2017) 266, 267 u 270 final.

Fir-rapport speċjali tagħha 19/2017 dwar il-proċeduri tal-importazzjoni, il-Qorti Ewropea tal-Awdituri (QEA) kkonkludiet li applikazzjonijiet speċifiċi tal-AFIS huma għodod effettivi biex jiġu identifikati każi potenzjali ta' frodi relatati mad-deskrizzjoni żbaljata tal-oriġini u mas-sottovalutazzjoni / sottofatturazzjoni. Jistgħu jipprovdu wkoll għodod utli biex jiġi kkalkulat id-daqs tad-distakk doganali[11]. Fl-istess rapport speċjali, il-QEA tiddikjara wkoll li l-għodod u l-programmi tal-Unjoni għall-iskambju ta' informazzjoni doganali u biex tiżdied il-kooperazzjoni għadhom ma laħqux il-potenzjal sħiħ tagħhom. Ir-rapport speċjali kkonkluda wkoll li xi sistemi ta' informazzjoni doganali tal-AFIS ma jintużawx biżżejjed. Ir-Rapporti Speċjali Nru 10/2015 u Nru 24/2016 tal-QEA għamlu rakkomandazzjonijiet rigward l-IMS

Għal aktar dettalji dwar l-evalwazzjonijiet retrospettivi tal-programmi attwali ikkonsulta t-Taqsima 1.2 tal-evalwazzjoni *ex ante* li takkumpanja l-proposta leġiżlattiva.

- **Konsultazzjonijiet ma' partijiet ikkonċernati**

Fit-13 ta' Marzu 2018, il-Kummissjoni organizzat sessjoni ta' ħidma ta' ġurnata mal-partijiet ikkonċernati fl-Istati Membri (fil-maġġoranza rappreżentanti tas-servizzi ta' koordinazzjoni kontra l-frodi u tal-amministrazzjonijiet doganali), bil-għan li jiġu diskussi l-opzjonijiet għall-attivitajiet tal-programm futur. Il-konsultazzjoni kkonfermat il-ħtieġa li jkun hemm appoġġ kontinwu fil-forma ta' programm tal-Unjoni kontra l-frodi. L-Anness 2 għall-evalwazzjoni *ex ante* jiġbor fil-qosor il-kostatazzjonijiet ta' din il-konsultazzjoni mmirata mal-partijiet ikkonċernati.

Il-Kummissjoni għamlet ukoll konsultazzjoni pubblika miftuħa għat-tħejjija tal-leġiżlazzjonijiet settorjali futuri li se jakkumpanjaw il-proposta għall-QFP ta' wara l-2020. Ftit biss mill-kontribuzzjonijiet li ngħataw kienu jirrigwardaw aspetti relatati mal-Programm tal-UE Kontra l-Frodi.

- **Kompetenza esterna**

Intuża kuntrattur estern biex jevalwa l-prestazzjoni ta' Hercule III, kif meħtieġa mir-Regolament 250/2014. L-istudju indipendenti[12] li għamel il-kuntrattur ipprovda evalwazzjoni dettaljata ta' nofs it-terminu ta' Hercule III u spjega ċerti ideat ta' għanijiet u attivitajiet possibbli biex il-programm jagħmel progress, b'mod partikolari fl-oqsma tal-kooperazzjoni transfruntiera fost l-Istati Membri, il-kooperazzjoni ma' sħab mhux fl-Unjoni, kif ukoll l-indirizzar tal-isfidi ta' żviluppi teknoloġiċi ġodda. L-istudju sab wkoll li kienu biss ftit l-azzjonijiet li kienu jinvolvu skambju ta' persunal bejn l-amministrazzjonijiet nazzjonali u ftit azzjonijiet biss kienu jinvolvu parteċipazzjoni internazzjonali.

- **Valutazzjoni tal-impatt**

Billi l-Programm tal-UE Kontra l-Frodi huwa kontinwazzjoni, b'xi aġġustamenti, tal-inizjattivi eżistenti (Hercule, AFIS u IMS), u minħabba l-istruttura u l-ammont limitat tal-baġit tiegħu, tqies li ma kinitx meħtieġa Valutazzjoni tal-Impatt. Minflok qed tiġi pprovduta evalwazzjoni *ex ante* skont l-Artikolu 30(4) tar-Regolament Finanzjarju 2016 fil-forma ta' Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni.

- **Simplifikazzjoni**

Il-programm Hercule III, l-attività operazzjonali AFIS u s-sistema ta' rapportar IMS kollha jagħtu kontribut siewi għall-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni Ewropea u għall-assistenza

[11] Rapport Speċjali Nru 19/2017 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri: "Proċeduri ta' importazzjoni: xi nuqqasijiet fil-qafas legali u implimentazzjoni ineffettiva għandhom impatt fuq l-interessi finanzjarji tal-UE", 5 ta' Diċembru 2017.

[12] Evalwazzjoni ta' Nofs it-Terminu tal-programm Hercule III, Rapport Finali, CEPS, Economisti Associati, CASE, wedoIT, 2017 https://ec.europa.eu/anti-fraud/sites/antifraud/files/herculeiii_midterm_evaluation_en.pdf

amministrattiva reċiproka fil-qasam tad-dwana. Il-Programm tal-UE Kontra l-Frodi se jiġbor il-finanzjament ta' dawn it-tliet strumenti taħt programm wieħed bil-vantaġġ li, minn naħa, kull wieħed minnhom se jkompli jipprovdi s-servizz speċjalizzat li ġie maħluq għalih, u min-naħa l-oħra, se jidħlu fis-seħħ il-kundizzjonijiet għas-simplifikazzjoni u l-ħolqien ta' sinerġiji, kif ukoll dawk biex jittaffa l-piż amministrattiv u s-simplifikazzjoni tal-ġestjoni.

4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Il-pakkett finanzjarju għall-implimentazzjoni tal-Programm tal-UE Kontra l-Frodi jammonta għal EUR 181 207 000 fi prezzijiet kurrenti, għall-perjodu 2021-2027.

L-allokazzjoni dettaljata għal kull sena, inklużi l-approprjazzjonijiet ta' pagament u r-riżorsi umani u amministrattivi meħtieġa, huma ppreżentati fid-Dikjarazzjoni Finanzjarja Leġiżlattiva li takkumpanja din il-proposta.

5. ELEMENTI OĦRAJN

- **Pjanijiet ta' implimentazzjoni u arranġamenti ta' monitoraġġ, ta' evalwazzjoni u ta' rappurtar**

L-abbozz tar-regolament li jistabbilixxi l-Programm tal-UE Kontra l-Frodi jipprevedi t-tliet indikaturi ewlenin li ġejjin relatati mal-għanijiet speċifiċi tal-programm:

(1) L-appoġġ għall-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-frodi, il-korruzzjoni u kull attività illegali oħra li taffettwa l-interessi finanzjarji tal-Unjoni, kif imkejla permezz ta:

- Ir-rata ta' sodisfazzjon bl-attivitajiet organizzati u (ko)finanzjati permezz tal-programm.
- Il-perċentwal ta' Stati Membri li jirċievu appoġġ kull sena tal-programm.

(2) Ir-rata ta' sodisfazzjon tal-utenti rigward l-użu tas-Sistema ta' Ġestjoni tal-Irregolaritajiet.

(3) L-ammont ta' informazzjoni ta' assistenza reċiproka magħmula disponibbli u l-għadd ta' attivitajiet relatati mal-assistenza reċiproka appoġġati.

B'konformità mal-paragrafi 22 u 23 tal-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016[13], fejn it-tliet istituzzjonijiet ikkonfermaw li l-evalwazzjonijiet tal-leġiżlazzjoni u tal-politika eżistenti jeħtieġ li jipprovdu l-bażi għal valutazzjonijiet tal-impatt tal-opzjonijiet biex tittieħed azzjoni ulterjuri, il-Kummissjoni se twettaq evalwazzjoni *interim* u waħda finali. L-evalwazzjonijiet se jivvalutaw l-impatt tal-Programm fuq il-bażi tal-indikaturi u l-miri tal-Programm u analiżi dettaljata tal-punt safejn il-Programm jista' jitqies relevanti, effettiv, effiċjenti, jipprovdi biżżejjed valur miżjud tal-UE u huwa koerenti ma' politiki oħrajn tal-UE. L-evalwazzjonijiet se jinkludu t-tagħlimiet meħuda biex jiġu identifikati kwistjonijiet jew potenzjali biex l-azzjonijiet jew ir-riżultati tagħhom ikomplu jitjiebu. Il-konklużjonijiet tal-evalwazzjonijiet flimkien mal-kummenti se jiġu kkomunikati lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, lill-Kumitat tar-Reġjuni u lill-Qorti Ewropea tal-Awdituri.

- **Spjegazzjoni fid-dettall tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta**

Il-Kapitolu I tar-Regolament jistipula parametri bażiċi għall-Programm tal-UE Kontra l-Frodi għall-perjodu 2021-2027 tal-QFP li jmiss, inkluż il-kamp ta' applikazzjoni tal-programm u l-pakkett

[13] Il-Ftehim Interistituzzjonali bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016 (ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1).

finanzjarju tiegħu, imqassam skont it-tliet komponenti tiegħu (Hercule, AFIS u IMS). Il-Kapitolu I jipprevedi wkoll il-kundizzjonijiet tal-parteċipazzjoni ta' pajjiżi terzi fil-programm. Rigward l-implimentazzjoni tal-programm, il-Kapitolu I jirreferi l-aktar għar-Regolament Finanzjarju. Rigward l-ispejjez koperti mill-AFIS l-Anness tar-Regolament jipprovdi lista indikattiva tal-ispejjeż koperti mill-programm.

Il-Kapitolu II jipprevedi dettalji dwar l-implimentazzjoni tal-programm permezz ta' sovvenzjonijiet, u b'mod partikolari dwar dawk li jistgħu jibbenefikaw mis-sovvenzjonijiet. Dawn jinkludu awtoritajiet li jistgħu jikkontribwixxu biex jintlaħaq wieħed mill-għanijiet tal-programm, minn kwalunkwe pajjiż minn dawn li ġejjin: Stat Membru jew pajjiż mhux tal-UE jew territorju marbut miegħu, pajjiż terz assoċjat mal-Programm, jew pajjiż terz elenkat fi programm ta' ħidma.

Il-Kapitolu III jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet dwar l-aspetti ta' programmar, monitoraġġ u evalwazzjoni tal-programm. B'mod speċifiku, huwa jiddeskrivi l-indikaturi u l-metodi ta' rapportar implimentati, u jistabbilixxi l-proċedura ta' evalwazzjoni *interim.* Huwa jistabbilixxi wkoll is-setgħa tal-Kummissjoni li tadotta atti delegati għal finijiet definiti fil-qosor.

Il-Kapitolu IV jiddeskrivi d-dispożizzjonijiet ta' tranżizzjoni u dawk finali, u jipprevedi t-tħassir tar-regolament Hercule III kif ukoll id-dispożizzjonijiet ta' finanzjament tal-AFIS fir-Regolament 515/97.

2018/0211 (COD)

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

li jistabbilixxi Programm tal-UE Kontra l-Frodi

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 33 u 325 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri ([14]),

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja,

Billi:

(1) L-Artikolu 325 Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jirrikjedi li l-Unjoni u l-Istati Membri jikkumbattu l-frodi u kull attività illegali oħra li taffettwa l-interessi finanzjarji tal-Unjoni Ewropea. Jeħtieġ li l-Unjoni tappoġġa l-attivitajiet f'dawn l-oqsma.

(2) Appoġġ li ngħata fil-passat għal tali attivitajiet permezz tad-Deċiżjoni Nru 804/2004/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[15] (il-programm Hercule), emedata u estiża bid-Deċiżjoni Nru 878/2007/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[16] (il-programm Hercule II), imħassra u sostitwita bir-Regolament Nru 250/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[17] (il-programm Hercule III), għamilha possibbli li l-attivitajiet tal-Unjoni u tal-Istati Membri jissaħħu f'dak li jirrigwarda l-ġlieda kontra l-frodi, il-korruzzjoni u kull attività illegali oħra li għandha impatt fuq l-interessi finanzjarji tal-Unjoni.

(3) L-appoġġ għar-rappurtar, mill-Istati Membri u mill-pajjiżi kandidati u kandidati potenzjali, tal-irregolaritajiet u l-frodi li jaffettwaw l-interessi finanzjarji tal-Unjoni permezz tas-Sistema ta' Ġestjoni tal-Irregolaritajiet (Irregularity Management System, IMS) hija rekwiżit tal-leġiżlazzjoni settorjali għall-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija u l-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali[18], il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew,

---

[14] [ref]

[15] Id-Deċiżjoni Nru 804/2004/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' April 2004 li tistabbilixxi programm ta' azzjoni biex jippromwovi Attivitajiet fil-qasam tal-protezzjoni ta' l-interessi finanzjarji Komunitarji (il-programm Erkole) (ĠU L 143, 30.4.2004, p. 9).

[16] Id-Deċiżjoni Nru 878/2007/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Lulju 2007 li temenda u testendi d-Deċiżjoni Nru 804/2004/KE li tistabbilixxi programm ta' azzjoni Komunitarju biex jippromwovi attivitajiet fil-qasam tal-protezzjoni tal-interessi finanzjarji Komunitarji (il-programm Erkole II) (ĠU L 193, 25.7.2007, p. 18).

[17] Ir-Regolament (UE) Nru 250/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 li jistabbilixxi programm għall-promozzjoni ta' attivitajiet fil-qasam tal-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni Ewropea (il-programm Hercule III) u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 804/2004/KE (ĠU L 84, 20.3.2014, p. 6).

[18] Ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/1971 tat-8 ta' Lulju 2015 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 1306/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill b'dispożizzjonijiet speċifiċi dwar l-irrappurtar ta' irregolaritajiet li jikkonċernaw il-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija u l-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u li jħassar ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1848/2006 u r-Regolament ta'

il-Fond ta' Koeżjoni, u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd[19], il-Fond għall-Ażil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni u l-istrument għal appoġġ finanzjarju għall-kooperazzjoni tal-pulizija, il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-kriminalità, u l-ġestjoni tal-kriżijiet[20], il-Fond għal Għajnuna Ewropea għall-Persuni l-Aktar fil-Bżonn[21] kif ukoll l-assistenza ta' qabel l-adeżjoni[22] rigward il-perjodu ta' programmazzjoni 2014-2020 u 'l quddiem. L-IMS hija għodda elettronika sigura ta' komunikazzjoni li tiffaċilita l-obbligu tal-Istati Membri, kif ukoll tal-pajjiżi kandidati u kandidati potenzjali li jirrappurtaw l-irregolaritajiet li jiskopru u li tappoġġa l-ġestjoni u l-analiżi tal-irregolaritajiet.

(4) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 515/97[23] u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/917/ĠAI[24] jipprevedu li l-Unjoni għandha tagħti appoġġ lill-għajnuna reċiproka bejn l-awtoritajiet amministrattivi tal-Istati Membri u l-kooperazzjoni bejn dawn tal-aħħar u l-Kummissjoni, sabiex tiġi żgurata l-applikazzjoni korretta tal-liġi dwar materji doganali u agrikolu.

(5) Dan l-appoġġ jingħata lil għadd ta' attivitajiet operazzjonali. Dan jinkludi s-Sistema ta' Informazzjoni għal Kontra l-Frodi (Anti-Fraud Information System, AFIS), pjattaforma tat-teknoloġija tal-informazzjoni li tikkonsisti f'sett ta' applikazzjonijiet imħaddma f'sistema komuni ta' informazzjoni ġestita mill-Kummissjoni. L-IMS hija mħaddma anki fil-pjattaforma tal-AFIS. Sistema bħal din teħtieġ finanzjament stabbli u prevedibbli matul is-snin biex tiġi żgurata s-sostenibbiltà tagħha.

Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/1975 tat-8 ta' Lulju 2015 li jistabbilixxi l-frekwenza u l-għamla tal-irrappurtar ta' irregolaritajiet fir-rigward tal-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija u l-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali fir-Regolament (UE) Nru 1306/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 293, 10.11.2015, p. 6).

19 Ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/1970 tat-8 ta' Lulju 2015 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill b'dispożizzjonijiet speċifiċi dwar l-irrappurtar ta' irregolaritajiet, fir-rigward tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni, u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/1974 tat-8 ta' Lulju 2015 li jistabbilixxi l-frekwenza u l-għamla tal-irrappurtar ta' irregolaritajiet fir-rigward tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd fir-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 293, 10.11.2015, p. 1).

20 Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2015/1973 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 514/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill b'dispożizzjonijiet speċifiċi dwar l-irrappurtar ta' irregolaritajiet fir-rigward tal-Fond għall-Ażil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni u l-istrument għal appoġġ finanzjarju għall-kooperazzjoni tal-pulizija, il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-kriminalità, u l-ġestjoni tal-kriżijiet; u r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/1977 li jistabbilixxi l-frekwenza u l-għamla tal-irrappurtar ta' irregolaritajiet dwar il-Fond għall-Ażil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni u l-istrument għall-appoġġ finanzjarju għall-kooperazzjoni tal-pulizija, il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-kriminalità u ġestjoni tal-kriżijiet skont ir-Regolament (UE) Nru 514/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 293, 10.11.2015, p. 15).

21 Ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/1972 tat-8 ta' Lulju 2015 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 223/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill b'dispożizzjonijiet speċifiċi dwar l-irrappurtar ta' irregolaritajiet fir-rigward tal-Fond għal Għajnuna Ewropea għall-Persuni l-Aktar fil-Bżonn u r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/1976 tat-8 ta' Lulju 2015 li jistabbilixxi l-frekwenza u l-għamla tal-irrappurtar ta' irregolaritajiet fir-rigward tal-Fond għal Għajnuna Ewropea għall-Persuni l-Aktar fil-Bżonn fir-Regolament (UE) Nru 223/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 293, 10.11.2015, p. 11).

22 L-Artikolu 16 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 447/2014 dwar ir-regoli speċifiċi tal-applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 231/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi Strument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA II) (ĠU L 132, 3.5.2014, p. 32).

23 Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 515/97 tat-13 ta' Marzu 1997 dwar għajnuna reċiproka bejn l-awtoritajiet amministrattivi tal-Istati Membri u l-kooperazzjoni bejn dawn tal-aħħar u l-Kummissjoni biex ikun assigurat l-applikar korrett tal-liġi dwar materji doganali u agrikoli, kif emendat l-aħħar mir-Regolament 2015/1525 (ĠU L 82, 22.3.1997, p. 1).

24 Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/917/ĠAI dwar l-użu tat-teknoloġija tal-informatika għall-finijiet doganali (ĠU L 323/20, 10.12.2009, p. 20).

(6) L-appoġġ tal-Unjoni fl-oqsma tal-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni, ta' rappurtar ta' irregolaritajiet, u ta' assistenza u kooperazzjoni amministrattiva reċiproka f'materji doganali u agrikoli jeħtieġ li jiġu integrati fi programm wieħed, il-Programm tal-UE Kontra l-Frodi (il-"Programm"), bil-għan li jiżdiedu s-sinerġiji u l-flessibbiltà baġitarja, u biex tiġi ssimplifikata l-ġestjoni.

(7) Il-Programm għalhekk jikkombina komponent fuq il-linji tal-programm Hercule, komponent ieħor li jiżgura l-finanzjament ta' IMS, u t-tielet komponenti li jiffinanzja attivitajiet fil-kompitu tal-Kummissjoni skont ir-Regolament (KE) Nru 515/97, inkluża l-pjattaforma AFIS.

(8) Il-pjattaforma tal-AFIS tinkludi ħafna sistemi ta' informazzjoni, inkluża s-Sistema ta' Informazzjoni Doganali (SID) Is-SID hija sistema ta' informazzjoni awtomatizzata li għandha l-għan li tassisti lill-Istati Membri fil-prevenzjoni, l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' operazzjonijiet li jkunu qed jiksru l-leġiżlazzjoni doganali jew agrikola, billi żżid, permezz ta' disseminazzjoni rapida ta' informazzjoni, l-effettività tal-kooperazzjoni u tal-proċeduri ta' kontroll tal-amministrazzjonijiet doganali tagħhom. Is-SID tkopri każijiet kemm amministrattivi kif ukoll tal-pulizija f'infrastruttura unika. Għal skopijiet ta' koperazzjoni amministrattiva, is-SID hija stabbilita permezz tar-Regolament 515/97, adottat fuq il-bażi tal-Artikoli 33 u 325 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. Għal finijiet ta' kooperazzjoni tal-pulizija, is-SID hija stabbilita mid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/917/ĠAI, adottata fuq il-bażi tal-Artikoli 30(1) (a) u 34(2)(c) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. Id-dimensjoni ta' kooperazzjoni tal-pulizija li l-SID tista' teknikament ma tkunx ddiżassoċjata minn dik amministrattiva billi ż-żewġ aspetti huma mħaddma taħt sistema waħda ta' teknoloġija tal-informazzjoni. Meta wieħed iqis li l-SID nnifisha hija biss waħda minn diversi sistemi tal-informazzjoni operati fl-AFIS u li l-għadd ta' każijiet ta' kooperazzjoni tal-pulizija huwa inqas mill-għadd tal-każi ta' kooperazzjoni amministrattiva fis-SID, id-dimensjoni tal-kooperazzjoni tal-pulizija ta' AFIS hija meqjusa bħala aċċessorju għal dak amministrattiv tagħha.

(9) Dan ir-Regolament jistabbilixxi pakkett finanzjarju għal durata sħiħa tal-Programm, li se jikkostitwixxi l-ammont ta' referenza primarja, fis-sens ta' [reference to be updated as appropriate according to the new inter-institutional agreement: il-punt 17 tal-Ftehim Interistituzzjonali tat-2 ta' Diċembru 2013 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar dixxiplina baġitarja, dwar kooperazzjoni f'materji ta' baġit u dwar ġestjoni finanzjarja tajba[25]], għall-Parlament Ewropew u l-Kunsill matul il-proċedura baġitarja annwali.

(10) Ir-regoli finanzjarji orizzontali adottati mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill fuq il-bażi tal-Artikolu 322 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea japplikaw għal dan ir-Regolament. Dawn ir-regoli huma stipulati fir-Regolament Finanzjarju u jiddeterminaw b'mod partikolari l-proċedura għall-istabbiliment u l-implimentazzjoni tal-baġit permezz ta' sovvenzjonijiet, akkwist, premji, implimentazzjoni indiretta, u jipprevedu verifiki dwar ir-responsabbiltà tal-atturi finanzjarji. Ir-regoli adottati fuq il-bażi tal-Artikolu 322 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jikkonċernaw ukoll il-protezzjoni tal-baġit tal-Unjoni fil-każ ta' defiċjenzi ġeneralizzati f'dak li jirrigwarda l-istat tad-dritt fl-Istati Membri, billi r-rispett tal-Istat tad-dritt huwa prekundizzjoni essenzjali għal ġestjoni finanzjarja tajba u finanzjament mill-UE effettiv.

(11) It-tipi ta' finanzjament u l-metodi ta' implimentazzjoni skont dan ir-Regolament jeħtieġ li jintgħażlu skont kemm jistgħu jiksbu l-għanijiet speċifiċi tal-azzjonijiet u jagħtu riżultati, filwaqt li b'mod partikolari jitqiesu l-ispejjeż tal-kontrolli, il-piż amministrattiv u r-riskju ta'

[25] Referenza trid tiġi aġġornata: ĠU C 373, 20.12.2013, p. 1. Il-ftehim jinsab fuq: *http://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=uriserv:OJ.C_.2013.373.01.0001.01.ENG&toc=OJ:C:2013:373:TOC.*

nuqqas ta' konformità mistenni. Dan jenħtieġ li jkun jinkludi li jitqies l-użu ta' somom f'daqqa, rati fissi u kostijiet unitarji, kif ukoll finanzjament mhux marbut ma' kostijiet kif imsemmija fl-Artikolu 125(1) tar-Regolament Finanzjarju.

(12) Sabiex tkun żgurata l-kontinwità, skont il-Programm, fil-finanzjament ta' l-attivitajiet kollha fil-kompitu tal-Kummissjoni skont ir-Regolament (KE) Nru 515/97, inkluż tal-pjattaforma AFIS, l-Anness I jipprovdi lista indikattiva ta' attivitajiet li jridu jiġu ffinanzjati.

(13) Ix-xiri ta' tagħmir permezz ta' strument tal-Unjoni għal appoġġ finanzjarju rigward tagħmir ta' kontroll doganali[26] jista' jkollu impatt pożittiv fuq il-ġlieda kontra l-frodi li taffettwa l-interessi finanzjarji tal-UE. Hemm responsabbiltà konġunta dwar l-istrument tal-Unjoni għal appoġġ finanzjarju tal-Unjoni għal tagħmir ta' kontroll doganali u l-Programm biex tiġi evitata kull duplikazzjoni tal-appoġġ tal-Unjoni. Jenħtieġ li l-Programm essenzjalment jiffoka fuq li jingħata sostenn lill-akkwist ta' tipi ta' tagħmir li ma jaqgħux fil-kamp ta' applikazzjoni tal-istrument tal-Unjoni għal appoġġ finanzjarju tal-Unjoni għal tagħmir ta' kontroll fid-dwana, jew tagħmir li għalihom il-benefiċjarji huma l-awtoritajiet li mhumiex l-awtoritajiet immiraw mill-Unjoni l-istrument għal appoġġ finanzjarju għal tagħmir ta' kontroll fid-dwana. Fil-kuntest tat-tħejjija tal-programmi ta' ħidma annwali jenħtieġ li jiġi li jiġu partikolarment evitat li jkun hemm trikkib.

(14) Jenħtieġ li l-Programm ikun miftuħ għall-parteċipazzjoni tal-pajjiżi tal-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles (European Free Trade Association - EFTA) li huma membri taż-Żona Ekonomika Ewropea (ŻEE). Jenħtieġ li jkun miftuħ ukoll għall-parteċipazzjoni mill-pajjiżi aderenti, il-pajjiżi kandidati u l-pajjiżi kandidati potenzjali, kif ukoll il-pajjiżi koperti mill-Politika Ewropea tal-Viċinat, b'konformità mal-prinċipji ġenerali u t-termini u l-kundizzjonijiet ġenerali għall-parteċipazzjoni ta' dawk il-pajjiżi fil-programmi tal-Unjoni stabbiliti fil-ftehimiet qafas rispettivi u fid-deċiżjonijiet tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni, jew arranġamenti simili. Jenħtieġ li l-Programm ikun ukoll miftuħ għal pajjiżi terzi oħra sakemm dawn jidħlu fi ftehim speċifiku li jkopri l-parteċipazzjoni tagħhom fi programmi tal-Unjoni.

(15) Filwaqt li jitqiesu l-evalwazzjonijiet tal-programmi Hercule preċedenti u sabiex jissaħħaħ il-Programm, jeħtieġ li l-parteċipazzjoni tal-entitajiet ġuridiċi stabbiliti f'pajjiż terz li ma jkunx assoċjat ma' dan il-Programm tkun eċċezzjonalment possibbli mingħajr il-ħtieġa li dawk l-entitajiet iħallsu l-ispejjeż tal-parteċipazzjoni tagħhom.

(16) Jenħtieġ li l-Programm jiġi implimentat filwaqt li jitqiesu r-rakkomandazzjonijiet u l-miżuri elenkati fil-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tas-6 ta' Ġunju 2013 bit-titlu "L-intensifikar tal-ġlieda kontra l-kuntrabandu tas-sigaretti u forom oħra ta' kummerċ illegali fil-prodotti tat-tabakk - Strateġija komprensiva tal-UE"[27], kif ukoll ir-rapport ta' progress tat-12 ta' Mejju 2017 dwar l-implimentazzjoni ta' din il-komunikazzjoni[28].

(17) L-Unjoni rratifikat il-Protokoll biex jiġi Eliminat il-Kummerċ Illeċitu tal-Prodotti tat-Tabakk fil-Konvenzjoni ta' Qafas tal-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa dwar il-Kontroll fuq it-Tabakk (il-Protokoll) fl-2016. Jenħtieġ li l-Protokoll iservi biex jipproteġi l-interessi finanzjarji tal-Unjoni sa fejn jirrigwarda l-ġlieda transfruntiera kontra l-kummerċ illeċitu tat-tabakk, li jikkawża telf fid-dħul. Jenħtieġ li l-Programm jappoġġa lis-Segretarjat tal-Konvenzjoni ta' Qafas tal-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa dwar il-Kontroll fuq it-Tabakk fil-funzjonijiet tiegħu relatati ma' dan il-Protokoll. Jenħtieġ ukoll jappoġġa attivitajiet oħra organizzati mis-Segretarjat b'konnessjoni mal-ġlieda kontra l-kummerċ illeċitu tat-tabakk.

---

26 [ref]

27 COM(2013) 324 final

28 COM(2017) 235 final

(18) B'konformità mar-Regolament Finanzjarju, ir-Regolament (UE Euratom) Nru 883/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[29], ir-Regolament tal-Kunsill (Euratom, KE) Nru 2988/95[30] u r-Regolament tal-Kunsill (Euratom, KE) Nru 2185/96[31] u r-Regolament tal-Kunsill (UE) 2017/1939[32], jeħtieġ li l-interessi finanzjarji tal-Unjoni jiġu protetti permezz ta' miżuri proporzjonati, inklużi l-prevenzjoni, id-detezzjoni, il-korrezzjoni u l-investigazzjoni ta' irregolaritajiet u ta' frodi, l-irkupru ta' fondi mitlufa, imħallsa bi żball jew użati b'mod mhux korrett u fejn xieraq, l-impożizzjoni ta' sanzjonijiet amministrattivi. B'mod partikolari, skont ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013 u r-Regolament (Euratom, KE) Nru 2185/96, l-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF) jista' jagħmel investigazzjonijiet amministrattivi, inklużi kontrolli u spezzjonijiet fil-post, bil-ħsieb li jistabbilixxi jekk kienx hemm frodi, korruzzjoni jew xi attività illegali oħra li taffettwa l-interessi finanzjarji tal-Unjoni. B'konformità mar-Regolament (UE) 2017/1939, l-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (l-UPPE) jista' jinvestiga u jippreżenta każijiet ta' frodi u attivitajiet illegali oħrajn li jaffettwaw l-interessi finanzjarji tal-Unjoni, kif previst fid-Direttiva (UE) 2017/1371 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[33]. B'konformità mar-Regolament Finanzjarju, kull persuna jew entità li tirċievi fondi tal-Unjoni trid tikkoopera kompletament fil-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni, tagħti d-drittijiet u l-aċċess meħtieġa lill-Kummissjoni, lill-OLAF, lill-UPPE u lill-Qorti Ewropea tal-Awdituri u tiżgura li kull parti terza involuta fl-implimentazzjoni tal-fondi tal-Unjoni tagħti drittijiet ekwivalenti.

(19) Pajjiżi terzi li huma membri taż-ŻEE jistgħu jieħdu sehem fi programmi tal-Unjoni fil-qafas tal-kooperazzjoni stabbilita skont il-Ftehim dwar iż-ŻEE, li jipprevedi l-implimentazzjoni ta' programmi minn deċiżjoni skont dak il-ftehim. Pajjiżi terzi jistgħu jipparteċipaw ukoll fuq il-bażi ta' strumenti legali oħra. Jenħtieġ li tiġi introdotta dispożizzjoni speċifika f'dan ir-Regolament li tagħti d-drittijiet neċessarji u l-aċċess biex l-uffiċjal awtorizzanti responsabbli, l-OLAF kif ukoll il-Qorti Ewropea tal-Awdituri jeżerċitaw b'mod komprensiv il-kompetenzi rispettivi tagħhom.

(20)

(21) Skont [reference to be updated as appropriate according to a new decision on OCTs: l-Artikolu 94 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/755/UE[34]], persuni u entitajiet stabbiliti f'pajjiżi u territorji *extra*-Ewropej huma eliġibbli għal finanzjament soġġett għar-regoli u għall-għanijiet tal-Programm u għall-arranġamenti possibbli applikabbli għall-Istat Membru li magħhom il-pajjiż jew territorju *extra*-Ewropew rilevanti huwa marbut.

(22) Skont il-paragrafu 22 u 23 tal-ftehim Interistituzzjonali għat-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tas-13 ta' April 2016[35], hemm bżonn li dan il-programm jiġi evalwat fuq il-bażi tal-informazzjoni

---

29 Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Settembru 2013 dwar investigazzjonijiet immexxija mill-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF) u li jħassar ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 1073/1999 u r-Regolament tal-Kunsill (Euratom) Nru 1074/1999 (ĠU L 248, 18.9.2013, p. 1)

30 ĠU C 312, 23.12.1995, p. 1.

31 Ir-Regolament tal-Kunsill (EURATOM, KE) Nru 2185/96 tal-11 ta' Novembru 1996 dwar il-verifiki u l-ispezzjonijiet fil-post imwettqa mill-Kummissjoni sabiex tipproteġi l-interessi finanzjarji tal-Komunità Ewropea kontra l-frodi u irregolarijiet oħra (ĠU L 292, 15.11.1996, p. 2).

32 Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2017/1939 tat-12 ta' Ottubru 2017 li jimplimenta kooperazzjoni msaħħa dwar l-istabbiliment tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew ("l-UPPE") (ĠU L 283, 31.10.2017, p. 1).

33 Id-Direttiva (UE) 2017/1371 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Lulju 2017 dwar il-ġlieda kontra l-frodi tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni permezz tal-liġi kriminali, (ĠU L 198, 28.7.2017, p. 29).

34 Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/755/UE tal-25 ta' Novembru 2013 dwar l-assoċjazzjoni tal-pajjiżi u t-territorji extra-Ewropej mal-Unjoni Ewropea (Deċiżjoni dwar l-Assoċjazzjoni Extra-Ewropea) (ĠU L 344, 19.12.2013, p. 1).

35 Il-Ftehim Interistituzzjonali bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016 (ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1).

miġbura permezz ta' rekwiżiti speċifiċi ta' monitoraġġ, filwaqt li tiġi evitata r-regolamentazzjoni żejda u l-piżijiet amministrattivi, b'mod partikolari għall-Istati Membri. Dawn ir-rekwiżiti, fejn xieraq, jistgħu jinkludu indikaturi miżurabbli, bħala bażi għall-evalwazzjoni tal-effetti tal-Programm fil-post.

(23) Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti b'konformità mal-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jenħtieġ li tiġi delegata lill-Kummissjoni sabiex tiżviluppa dispożizzjonijiet għal qafas ta' monitoraġġ u evalwazzjoni tal-Programm. Hu partikolarment importanti li matul ix-xogħol preparatorju tagħha, il-Kummissjoni tagħmel konsultazzjonijiet xierqa, inkluż fil-livell espert, u li dawn il-konsultazzjonijiet isiru b'konformità mal-prinċipji stabbiliti fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016. B'mod partikulari, biex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija tal-atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom sistematikament ikollhom aċċess għal-laqgħat tal-gruppi tal-esperti tal-Kummissjoni li jkunu qed jittrattaw it-tħejjija tal-atti delegati.

(24) L-Artikolu 42a(1) u (2) tar-Regolament (KE) Nru 515/97 jipprevedi l-bażi ġuridika għall-finanzjament tal-AFIS. Jenħtieġ li dan ir-Regolament jissostitwixxi din il-bażi ġuridika u jipprevedi oħra ġdida. Għaldaqstant jenħtieġ li l-Artikolu 42a(1) u (2) tar-Regolament (KE) Nru 515/97 jitħassar.

(25) Ir-Regolament (UE) Nru 250/2014 li jistabbilixxi l-programm Hercule III kopra l-perjodu mill-1 ta' Jannar 2014 sal 31 ta' Diċembru 2020. Dan ir-regolament jipprevedi segwitu għall-programm Hercule III, li jibda mill-1 ta' Jannar 2021. Għaldaqstant ir-Regolament (UE) Nru 250/2014 jenħtieġ li jitħassar.

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

KAPITOLU I

DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

Artikolu 1

Suġġett

Dan ir-Regolament jistabbilixxi l-Programm tal-UE Kontra l-Frodi (il-"Programm").

Huwa jistabbilixxi l-għanijiet tal-Programm, il-baġit għall-perjodu 2021-2027, il-forom ta' finanzjament tal-Unjoni u r-regoli biex jingħata ' dan it-tip ta' finanzjament.

Artikolu 2

Għanijiet tal-programm

1. Il-Programm għandu l-għanijiet ġenerali li ġejjin:

   (a) il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni.

   (b) is-sostenn għall-assistenza reċiproka bejn l-awtoritajiet amministrattivi tal-Istati Membri u l-kooperazzjoni bejn dawn tal-aħħar u l-Kummissjoni biex tkun iggarantita l-applikazzjoni korretta tal-liġi dwar materji doganali u agrikoli.

2. Il-Programm għandu l-għanijiet speċifiċi li ġejjin:

(a) il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-frodi, il-korruzzjoni u kull attività illegali oħra li taffettwa l-interessi finanzjarji tal-Unjoni.

(b) l-appoġġ għar-rapportar tal-irregolaritajiet, inkluża l-frodi, fir-rigward tal-ġestjoni kondiviża u tal-fondi ta' assistenza ta' qabel l-adeżjoni tal-baġit tal-Unjoni.

(c) il-forniment ta' għodod għall-iskambju ta' informazzjoni u għall-appoġġ ta' attivitajiet operazzjonali fil-qasam tal-assistenza amministrattiva reċiproka f'materji doganali u agrikoli.

Artikolu 3

Baġit

1. Il-pakkett finanzjarju għall-implimentazzjoni tal-Programm għall-perjodu 2021 – 2027 għandu jkun ta' EUR 181.207 miljun fi prezzijiet kurrenti.

2. It-tqassim indikattiv tal-ammont imsemmi fil-paragrafu 1 għandu jkun:

(a) EUR 114.207 miljun għall-għan imsemmi fl-Artikolu 2(2)(a);

(b) EUR 7 miljun għall-għan imsemmi fl-Artikolu 2(2)(b);

(c) EUR 60 miljun għall-għan imsemmi fl-Artikolu 2(2)(c).

3. L-ammont imsemmi fil-paragrafu 1 jista' jintuża għal assistenza teknika u amministrattiva għall-implimentazzjoni tal-Programm, bħal miżuri preparatorji, ta' monitoraġġ, ta' kontroll, ta' awditjar u ta' evalwazzjoni inklużi sistemi tat-teknoloġija tal-informazzjoni korporattiva.

Artikolu 4

Pajjiżi terzi assoċjati mal-Programm

Il-Programm għandu jkun miftuħ għall-pajjiżi terzi li ġejjin:

(a) Membri tal-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles (EFTA) li huma membri taż-Żona Ekonomika Ewropea (ŻEE), skont il-kundizzjonijiet stabbiliti fil-Ftehim ŻEE;

(b) pajjiżi aderenti, pajjiżi kandidati u kandidati potenzjali, skont il-prinċipji ġenerali u t-termini u l-kundizzjonijiet ġenerali għall-parteċipazzjoni ta' dawk il-pajjiżi fil-programmi tal-Unjoni stabbiliti fil-ftehimiet qafas rispettivi u fid-deċiżjonijiet tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni, jew arranġamenti simili, u skont il-kundizzjonijiet speċifiċi stabbiliti fi ftehimiet bejn l-Unjoni u dawk il-pajjiżi;

(c) pajjiżi koperti mill-Politika Ewropea tal-Viċinat, skont il-prinċipji ġenerali u t-termini u l-kundizzjonijiet ġenerali għall-parteċipazzjoni ta' dawk il-pajjiżi fil-programmi tal-Unjoni stabbiliti fil-ftehimiet qafas rispettivi u fid-deċiżjonijiet tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni, jew arranġamenti simili, u skont il-kundizzjonijiet speċifiċi stabbiliti fi ftehimiet bejn l-Unjoni u dawk il-pajjiżi;

(d) pajjiżi terzi oħra, b'konformità mal-kundizzjonijiet stipulati fi ftehim speċifiku li jkopri l-parteċipazzjoni tal-pajjiż terz għal kull programm tal-Unjoni, sakemm il-ftehim

(a) jiżgura bilanċ ġust fir-rigward tal-kontribuzzjonijiet u l-benefiċċji ta' pajjiż terz li jipparteċipa fil-programmi tal-Unjoni;

(b) jistabbilixxi l-kundizzjonijiet ta' parteċipazzjoni fil-programmi, inkluż il-kalkolu ta' kontribuzzjonijiet finanzjarji għal programmi individwali u l-ispejjeż amministrattivi

tagħhom. Dawn il-kontribuzzjonijiet għandhom jikkostitwixxi dħul assenjat f'konformità mal-Artikolu [21(5)] tar-Regolament Finanzjarju;

(c) ma jagħtix lill-pajjiż terz is-setgħa li jiddeċiedi dwar il-programmi;

(d) jiggarantixxi d-drittijiet tal-Unjoni biex tkun żgurata ġestjoni finanzjarja tajba u jkunu protetti l-interessi finanzjarji tagħha.

Artikolu 5

Implimentazzjoni u forom ta' finanzjament mill-Unjoni

1. Il-Programm għandu jiġi implimentat b'ġestjoni diretta skont ir-Regolament Finanzjarju jew b'ġestjoni indiretta flimkien ma' korpi msemmija fl-Artikolu 62(1)(c) tar-Regolament Finanzjarju.

2. Il-Programm jista' jipprovdi finanzjament f'kull waħda mill-forom stipulati fir-Regolament Finanzjarju, b'mod partikolari sovvenzjonijiet u akkwist, kif ukoll ir-rimborż ta' spejjeż ta' vvjaġġar u ta' sussistenza kif previst mill-Artikolu 238 tar-Regolament Finanzjarju.

3. Il-Programm jista' jipprovdi finanzjament għal azzjonijiet imwettqa f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 515/97, b'mod partikolari biex ikopri t-tipi ta' spejjeż li hemm referenza għalihom fil-lista indikattiva fl-Anness I.

4. Jekk l-azzjoni appoġġata tinvolvi l-akkwist ta' tagħmir, il-Kummissjoni għandha, fejn xieraq, tistabbilixxi mekkaniżmu ta' koordinazzjoni li jiżgura l-effiċjenza u l-interoperabbiltà bejn it-tagħmir kollu mixtri bl-appoġġ ta' Programmi tal-Unjoni.

Artikolu 6

Il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni

Jekk pajjiż terz jipparteċipa fil-Programm permezz ta' deċiżjoni skont ftehim internazzjonali jew permezz ta' xi strument legali ieħor, il-pajjiż terz għandu jagħti d-drittijiet neċessarji u l-aċċess meħtieġ biex l-uffiċjal tal-awtorizzazzjoni responsabbli, l-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi, u l-Qorti Ewropea tal-Awdituri jeżerċitaw b'mod komprensiv il-kompetenzi rispettivi tagħhom. Fil-każ tal-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi, tali drittijiet għandhom jinkludu d-dritt li jsiru investigazzjonijiet, inklużi verifiki u spezzjonijiet fil-post, previsti mir-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar investigazzjonijiet immexxija mill-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi.

KAPITOLU II

SOVVENZJONIJIET

Artikolu 7

Sovvenzjonijiet li huma fil-Programm għandhom jingħataw u jiġu ġestiti skont it-Titolu VIII tar-Regolament Finanzjarju.

Artikolu 8

Azzjonijiet eliġibbli

Huma biss l-azzjonijiet li jimplimentaw l-għanijiet imsemmija fl-Artikolu 2 li għandhom ikunu eliġibbli għall-finanzjament.

Artikolu 9

Entitajiet eliġibbli

1. Il-kriterji tal-eliġġibiltà stabbiliti fil-paragrafu 2 għandhom japplikaw flimkien mal-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 197 tar-Regolament Finanzjarju.

2. Huma eliġibbli l-entitajiet li ġejjin:

   (a) l-awtoritajiet pubbliċi li jistgħu jikkontribwixxu biex jintlaħaq wieħed mill-għanijiet imsemmijin fl-Artikolu 2 u li huma stabbiliti f'xi wieħed mill-pajjiżi li ġejjin:

      (a) Stat Membru jew pajjiż jew territorju *extra*-Ewropew marbut miegħu;

      (b) pajjiż terz assoċjat mal-Programm;

      (c) pajjiż terz elenkat fil-programm ta' ħidma skont il-kundizzjonijiet speċifikati fil-paragrafu 3.

   (b) l-istituti ta' riċerka u dawk edukattivi u l-entitajiet bla skop ta' qligħ li jistgħu jikkontribwixxu biex jintlaħqu l-għanijiet imsemmija fl-Artikolu 2, sakemm ikunu ġew stabbiliti u jkunu ilhom joperaw għal mill-inqas sena, fi Stat Membru jew f'pajjiż terz assoċjat mal-Programm, jew pajjiż terz elenkat fi programm ta' ħidma bil-kundizzjonijiet speċifikati fil-paragrafu 3.

   (c) kull entità ġuridika maħluqa skont id-dritt tal-Unjoni jew kull organizzazzjoni internazzjonali.

3. L-entitajiet imsemmijin fil-paragrafu 2 stabbiliti f'pajjiż terz li mhux assoċjat mal-Programm huma eċċezzjonalment eliġibbli biex jipparteċipaw fejn dan ikun meħtieġ sabiex jintlaħqu l-għanijiet ta' azzjoni partikolari.

4. L-entitajiet imsemmijin fil-paragrafu 2 stabbiliti f'pajjiż terz li mhux assoċjat mal-programm, fil-prinċipju għandu jħallas l-ispejjeż tal-parteċipazzjoni tagħhom.

KAPITOLU III

PROGRAMMAR, MONITORAĠĠ U EVALWAZZJONI

Artikolu 10

Programm ta' Ħidma

Il-Programm għandu jiġi implimentat permezz tal-programmi ta' ħidma msemmija fl-Artikolu 110 tar-Regolament Finanzjarju.

Artikolu 11

Monitoraġġ u rapportar

1. L-indikaturi għar-rapportar dwar il-progress tal-Programm biex jinkisbu l-għanijiet ġenerali u speċifiċi stipulati fl-Artikolu 2 huma stabbiliti fl-Anness II.

2. Biex tkun garantita valutazzjoni effettiva tal-progress tal-Programm bil-għan li jintlaħqu l-għanijiet tiegħu, il-Kummissjoni għandha l-awtorizzazzjoni li tadotta atti delegati, li b'konformità mal-Artikolu 14 temenda l-Anness II, li tirrieżamina jew tikkomplementa l-indikaturi fejn tqis meħtieġ u li tissupplimenta dan ir-Regolament b'dispożizzjonijiet dwar l-istabbiliment ta' qafas ta' monitoraġġ u evalwazzjoni.

3. Is-sistema ta' rapportar dwar il-prestazzjoni għandha tiżgura li d-data għall-implimentazzjoni u r-riżultati tal-programm ta' monitoraġġ tinġabar b'mod effiċjenti, effettiv, u f'waqtu. Għal dan il-għan, għandhom jiġu imposti fuq il-benefiċjarji tal-fondi tal-Unjoni rekwiżiti ta' rappurtar proporzjonati u,fejn rilevanti, fuq l-Istati Membri.

Artikolu 12

Evalwazzjoni

1. L-evalwazzjonijiet għandhom jitwettqu f'waqthom sabiex jikkontribwixxu għall-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet.

2. L-evalwazzjoni *interim* tal-Programm għandha ssir ladarba jkun hemm biżżejjed informazzjoni disponibbli dwar l-implimentazzjoni tal-Programm, iżda mhux aktar tard minn erba' snin wara li tibda l-implimentazzjoni tal-programm.

3. Fl-aħħar tal-implimentazzjoni tal-Programm, iżda mhux aktar tard minn erba' snin wara li jkun intemm il-perjodu speċifikat fl-Artikolu 1, il-Kummissjoni għandha tagħmel evalwazzjoni finali tal-Programm.

4. Il-Kummissjoni għandha tikkomunika l-konklużjonijiet tal-evalwazzjonijiet flimkien mal-osservazzjonijiet tagħha dwarhom lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, lill-Kumitat tar-Reġjuni u lill-Qorti Ewropea tal-Awdituri.

Artikolu 13

Delega tas-setgħa

Il-Kummissjoni għandha l-awtorizzazzjoni li tadotta atti delegati b'konformità mal-Artikolu 14 sabiex tiżviluppa d-dispożizzjonijiet għal qafas ta' monitoraġġ u implimentazzjoni kif previst fl-Artikolu 11.

Artikolu 14

Eżerċizzju tad-delega

1. Il-Kummissjoni hija awtorizzata li tadotta atti delegati soġġett għall-kundizzjonijiet stipulati f'dan l-Artikolu.

2. Il-Kummissjoni hija awtorizzata li tadotta atti delegati msemmijin fl-Artikolu 13 sal-31 ta' Diċembru 2028.

3. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikolu 13 tista' tiġi revokata f'kull ħin mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni ta' revoka ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-Deċiżjoni. hija tidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata fiha. Hija ma għandhiex taffettwa l-validità ta' xi att delegat li diġà jkun fis-seħħ.

4. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta mal-esperti nnominati minn kull Stat Membru b'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016.

5. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

KAPITOLU IV

DISPOŻIZZJONIJIET TRANŻITORJI U FINALI

Artikolu 15

Informazzjoni, komunikazzjoni u pubbliċità

1. Il-benefiċjarji ta' finanzjament mill-Unjoni għandhom jirrikonoxxu l-oriġini u jiggarantixxu l-viżibbiltà tal-finanzjament tal-Unjoni (partikolarment meta jkunu qed jippromwovu l-azzjonijiet u r-riżultati tagħhom) billi jipprovdu informazzjoni mmirata li hija koerenti, effettiva u proporzjonata lil diversi udjenzi, inklużi l-media u l-pubbliku in ġenerali. Ma għandhomx ikunu meħtieġa r-rikonoxximent tal-oriġini, u l-iżgurar tal-viżibbiltà, tal-finanzjament tal-Unjoni fejn ikun hemm riskju li tiġi kompromessa l-prestazzjoni effettiva ta' attivitajiet operazzjonali kontra l-frodi u doganali.

2. Il-Kummissjoni għandha timplimenta azzjonijiet ta' informazzjoni u komunikazzjoni rigward il-Programm, u l-azzjonijiet u r-riżultati tiegħu. Ir-riżorsi finanzjarji allokati għall-Programm għandhom jikkontribwixxu wkoll għall-komunikazzjoni korporattiva tal-prijoritajiet politiċi tal-Unjoni, safejn dawn ikunu jirrigwardaw l-għanijiet imsemmija fl-Artikolu 2.

Artikolu 16

Emenda tar-Regolament (KE) Nru 515/97

Fl-Artikolu 42a tar-Regolament (KE) Nru 515/97, jitħassru l-paragrafi 1 u 2.

Artikolu 17

Tħassir

3. Ir-Regolament Nru 250/2014 huwa mħassar b'effett mill-1 ta' Jannar 2021.

Artikolu 18

Dispożizzjonijiet tranżitorji

1. Dan ir-Regolament ma għandux jaffettwa t-tkomplija jew il-modifika tal-azzjonijiet ikkonċernati, sal-għeluq tagħhom, skont ir-Regolament 250/2014 u skont l-Artikolu 42a tar-Regolament Nru 515/97, li għandhom ikomplu japplikaw għall-azzjonijiet ikkonċernati sal-għeluq tagħhom.

2. Il-pakkett finanzjarju għall-Programm jista' jkopri wkoll l-ispejjeż tal-assistenza teknika u amministrattiva meħtieġa biex tiġi żgurata t-tranżizzjoni bejn il-Programm u l-miżuri adottati bir-Regolament 250/2014 u bl-Artikolu 42a tar-Regolament (KE) Nru 515/97.

Artikolu 19

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-[għoxrin] jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Huwa għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2021.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Parlament Ewropew	*Għall-Kunsill*
Il-President	*Il-President*

DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA

1. QAFAS TAL-PROPOSTA / INIZJATTIVA

1.1. Titolu tal-proposta / inizjattiva:

1.2. Qasam (oqsma) ta' politika kkonċernat(i) (*raggruppament ta' programmi*)

1.3. Natura tal-proposta / inizjattiva

1.4. Raġunijiet għall-proposta / inizjattiva

1.5. Tul ta' żmien u impatt finanzjarju

1.6. Mod(i) ta' ġestjoni ppjanat(i)

2. MIŻURI TA' ĠESTJONI

2.1. Regoli dwar il-monitoraġġ u r-rapportar

2.2. Sistema ta' ġestjoni u kontroll

2.3. Miżuri għall-prevenzjoni tal-frodi u tal-irregolaritajiet

3. IMPATT FINANZJARJU STMAT TAL-PROPOSTA / INIZJATTIVA

3.1. Intestatura/i tal-qafas finanzjarju pluriennali u l-linja/i baġitarja/i tan-nefqa affettwati

3.2. L-impatt stmat fuq in-nefqa

3.2.1. Sommarju tal-impatt stmat fuq in-nefqa

3.2.2. Stima tal-impatt fuq l-approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva

3.2.3. Il-kontribuzzjonijiet ta' partijiet terzi

3.3. L-impatt stmat fuq id-dħul

DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA

1. QAFAS TAL-PROPOSTA / INIZJATTIVA

1.1. Titolu tal-proposta / inizjattiva:

Il-Programm tal-UE Kontra l-Frodi

1.2. Qasam (oqsma) ta' politika kkonċernat(i) (*Raggruppament ta' programmi*)

03 Suq Uniku

03 03 Il-Programm tal-UE Kontra l-Frodi

1.3. Il-proposta / l-inizjattiva hija relatata ma':

☐ **azzjoni ġdida**

☐**azzjoni ġdida b'segwitu għal proġett pilota / azzjoni preparatorja**[36]

☒ **l-estensjoni ta' azzjoni eżistenti**

☐ **fużjoni jew dirottar ta' azzjoni waħda jew aktar lejn azzjoni oħra / azzjoni ġdida**

1.4. Raġunijiet għall-proposta / inizjattiva

1.4.1. Rekwiżit(i) li jridu jiġu ssodisfati fuq terminu qasir jew twil inkluża kronoloġija dettaljata għall-prosegwiment tal-implimentazzjoni tal-inizjattiva

L-Artikolu 325 TFUE jeħtieġ li l-Unjoni u l-Istati Membri jikkumbattu l-frodi u kull attività illegali oħra li taffettwa l-interessi finanzjarji tal-Unjoni Ewropea. L-Artikolu 33 TFUE jipprevedi t-tisħiħ tal-kooperazzjoni doganali fost l-Istati Membri u bejn dawn tal-aħħar u l-Kummissjoni, li hija f'aktar dettall fir-Regolament 515/97 dwar l-assistenza amministrattiva reċiproka u implimentata fost l-oħrajn permezz tal-pjattaforma AFIS. L-obbligi ta' rapportar lill-IMS huma previsti fil-leġiżlazzjoni settorjali rilevanti. F'dan il-qafas, il-Programm tal-UE Kontra l-Frodi se jipprovdi lill-benefiċjarji b'sostenn li se jgħinhom jipproteġu aħjar l-interessi finanzjarji tal-UE biex ikun hemm assistenza amministrattiva reċiproka f'materji doganali.

Il-programm se jkun implimentat permezz ta' programmi ta' ħidma annwali bejn l-2021 u l-2027.

1.4.2. Il-valur miżjud tal-involviment tal-Unjoni (dan jista' jirriżulta minn fatturi differenti, pereż. il-gwadann mill-koordinazzjoni, iċ-ċertezza tad-dritt, effettività akbar jew il-kumplimentarjetajiet). Għall-finijiet ta' dan il-punt, "il-valur miżjud tal-involviment tal-Unjoni" huwa l-valur li jirriżulta mill-intervent tal-Unjoni li huwa addizzjonali għall-valur li altrimenti kien jinħoloq mill-Istati Membri waħedhom.

Raġunijiet għall-azzjoni fil-livell Ewropew (*ex ante*)

Il-frodi li taffettwa lill-interessi finanzjarji tal-UE hija fenomenu transfruntier, li jaffettwa lill-Istati Membri kollha tal-UE, kif turi l-istatistika ppubblikata fir-Rapporti annwali dwar il-ġlieda kontra l-frodi ("ir-Rapporti PIF"). Hemm bżonn li tittieħed azzjoni koordinata sabiex tiġi indirizzata l-frodi u wkoll sabiex tiġi ffaċilitata l-assistenza amministrattiva reċiproka fi kwistjonijiet doganali. Hercule, l-

[36] Kif imsemmi fl-Artikolu 58(2)(a) jew (b) tar-Regolament Finanzjarju.

AFIS u l-IMS huma għodod li ilhom jappoġġaw lill-Istati Membri u lill-Unjoni f'dan ir-rigward. Din il-proposta għandha l-għan li tissimplifika l-appoġġ finanzjarju għal dawn l-għodod, matul il-qafas finanzjarju pluriennali li jmiss.

Valur miżjud tal-Unjoni li mistenni jiġi ġġenerat (*ex post*)

Il-programm huwa mistenni li jkompli jappoġġa lill-Istati Membri u lill-Unjoni fil-ġlieda kontra l-frodi li taffettwa l-interessi finanzjarji tal-UE, billi jiffinanzja l-attivitajiet (assistenza teknika u taħriġ) li kieku ma jkunux disponibbli fil-livell nazzjonali, fl-Istati Membri kollha. Huwa se jipprovdi wkoll servizzi (l-AFIS u l-IMS) li jenħtieġ li jitwasslu b'mod ċentralizzat u orizzontali lill-Istati Membri kollha, biex jilħqu l-għanijiet tagħhom. Il-programm se jippermetti wkoll iffrankar, kif ġara bix-xiri ċentralizzat ta' aċċess għal diversi bażijiet tad-data rilevanti.

1.4.3. Tagħlimiet meħuda minn esperjenzi simili fl-imgħoddi

Hercule, l-AFIS, u l-IMS huma għodod stabbiliti tal-UE li jikkumbattu l-frodi u l-irregolaritajiet b'dannu għall-baġit tal-UE u li jappoġġaw l-assistenza amministrattiva reċiproka bejn l-amministrazzjonijiet tad-dwana u l-kooperazzjoni mal-Kummissjoni. huma kienu soġġetti għal evalwazzjonijiet regolari u stħarriġ dwar is-sodisfazzjon tal-utenti, li ġeneralment ikkonfermaw il-valur miżjud ta' kull waħda minnhom.

Fil-każ ta' Hercule, l-aktar eżerċizzju simili reċenti kien l-evalwazzjoni ta' nofs it-terminu ta' Hercule III, li kienet tinkludi wkoll evalwazzjoni indipendenti, li ġiet ippubblika f'Jannar 2018. L-evalwazzjoni kkonkludiet li l-programm irriżulta li hu rilevanti, li kien hemm mekkaniżmi fis-seħħ biex jiżguraw il-koerenza tiegħu, u li kien effettiv u effiċjenti. L-evalwazzjoni kkonstatat ukoll li kien hemm valur miżjud ċar fi programm bħal dan fil-livell tal-Unjoni, u nstab li l-attivitajiet tiegħu kienu ġeneralment sostenibbli.

Bħala attività operazzjonali, l-AFIS kienet soġġetta għal diversi stħarriġiet dwar is-sodisfazzjon tal-utenti, attivitajiet ta' awditjar intern u evalwazzjoni mill-parteċipanti, fil-każ tal-JCOs. L-AFIS intlaqgħet tajjeb, bl-aħħar data disponibbli turi rata ta' 80 % sodisfazzjon fost l-utenti bil-funzjonalità, il-prestazzjoni u l-attivitajiet ta' taħriġ. Barra minn hekk, il-Qorti Ewropea tal-Awdituri kkonkludiet li l-informazzjoni dwar il-Messaġġi dwar l-Istatus tal-Kontejner u l-prezzijiet ġusti pprovduti mill-applikazzjonijiet tal-AFIS, id-Direttorju tal-MIK u l-Għodda ta' Monitoraġġ Awtomatizzata huma għodod effettivi biex jiġu identifikati każijiet potenzjali ta' frodi relatati mad-deskrizzjoni ħażina tal-oriġini u s-sottovalutazzjoni / sottofatturazzjoni.

L-IMS hija analizzata f'kollaborazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri, fil-Qafas tal-komponent "Rapportar u Analiżi" tal-Grupp ta' Esperti COCOLAF.

1.4.4. Kompatibbiltà u sinerġija possibbli ma' strumenti oħra xierqa

Hercule kien l-uniku programm tal-UE ddedikat esklussivament biex jappoġġa l-ġlieda kontra l-frodi li taffettwa l-interessi finanzjarji tal-UE. L-AFIS u l-IMS huma attivitajiet operazzjonali li jipprovdu servizzi speċjalizzati lill-Istati Membri. L-evalwazzjonijiet ta' Hercule urew li l-appoġġ ipprovdut permezz ta' Hercule huwa uniku fil-kamp ta' applikazzjoni u l-kontenut tiegħu.

Għall-perjodu futur ta' programmazzjoni pluriennali tal-Unjoni, se jiġi stabbilit strument ġdid ta' appoġġ finanzjarju għal tagħmir ta' kontroll doganali biex jittratta sfidi rilevanti fil-qasam tal-kontrolli doganali billi jiġi appoġġat ix-xiri ta' tagħmir ta'

kontroll għall-benefiċċju tal-awtoritajiet doganali. L-istrument il-ġdid se jkun kumplimentari għall-Programm tal-UE Kontra l-Frodi, li l-appoġġ għalih jew l-akkwist ta' tagħmir se jkunu limitati f'termini ta' volum, immirati lejn il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-UE, u għall-benefiċċju tal-awtoritajiet doganali u mhux doganali.

1.5. Tul ta' żmien u impatt finanzjarju

☒ **durata limitata**

– ☒ b'effett mill-01/01/2021 sal-31/12/2027

– ☒ Impatt finanzjarju mill-2021 sal-2027

– ☒ Impatt finanzjarju mill-2021 sal-2030 għall-approprjazzjonijiet ta' pagament biss

– ☐ **durata bla limitu**

– Implimentazzjoni b'perjodu ta' tnedija minn YYYY sa YYYY,

– segwit minn operazzjoni fuq skala sħiħa.

1.6. Mod(i) ta' ġestjoni ppjanat(i)[37]

☒ **Ġestjoni diretta** mill-Kummissjoni

– ☒ mid-dipartimenti tagħha, inkluż mill-persunal tagħha fid-delegazzjonijiet tal-Unjoni;

– ☐ mill-aġenziji eżekuttivi

☐ **Ġestjoni kondiviża** mal-Istati Membri

☒ **Ġestjoni indiretta** billi l-kompiti tal-implimentazzjoni tal-baġit jiġu fdati lil:

– ☐ pajjiżi terzi jew il-korpi li nnominaw;

– ☒ organizzazzjonijiet internazzjonali u l-aġenziji tagħhom; Is-Segretarjat tal-Konvenzjoni ta' Qafas dwar il-Kontroll fuq it-Tabakk (Framework Convention for Tobacco Control, FCTC);

– ☐il-BEI u lill-Fond Ewropew tal-Investiment;

– ☐ il-korpi msemmija fl-Artikoli 70 u 71 tar-Regolament Finanzjarju.

– ☐ korpi regolati bil-liġi pubblika;

– ☐ korpi regolati bil-liġi privata b'missjoni ta' servizz pubbliku sal-punt li jipprovdu garanziji finanzjarji adegwati;

– ☐ korpi regolati bil-liġi privata ta' Stat Membru li huma fdati bl-implimentazzjoni ta' sħubija pubblika-privata u li jipprovdu garanziji finanzjarji adegwati;

– ☐ persuni fdati bl-implimentazzjoni ta' azzjonijiet speċifiċi fil-PESK skont it-Titolu V tat-TUE, u identifikati fl-att bażiku rilevanti.

– *Jekk jiġu indikati aktar minn mod wieħed ta' ġestjoni, ipprovdi d-dettalji fit-Taqsima "Kummenti".*

Kummenti

Il-Programm se jiġi implimentat permezz ta' ġestjoni diretta. Madankollu, teżisti l-possibbiltà li tiġi implimentata azzjoni speċifika fil-kuntest ta' ġestjoni indiretta b'konnessjoni mal-finanzjament tas-segretarjat tal-FCTC.

[37] Id-dettalji tal-modi ta' ġestjoni u r-referenzi għar-Regolament Finanzjarju jinsabu fuq is-sit BudgWeb: https://myintracomm.ec.europa.eu/budgweb/MT/man/budgmanag/Pages/budgmanag.aspx

2. MIŻURI TA' ĠESTJONI

2.1. Regoli dwar il-monitoraġġ u r-rapportar

Speċifika l-frekwenza u l-kundizzjonijiet.

L-indikaturi għall-monitoraġġ tal-implimentazzjoni u tal-progress tal-programm huma ppreżentati fl-Aness II tal-abbozz tar-Regolament. Se jkunu imposti rekwiżiti ta' rapportar proporzjonati fuq il-benefiċjarji tas-sostenn finanzjarju, fil-kuntest tal-programmi ta' ħidma annwali.

2.2. Sistema(i) ta' ġestjoni u kontroll

2.2.1. Ġustifikazzjoni tal-mod(i) ta' ġestjoni, il-mekkaniżmu/i għall-implimentazzjoni tal-finanzjament, il-modalitajiet ta' pagament u l-istrateġija ta' kontroll proposta

Il-Programm se jiġi implimentat mill-OLAF bil-metodu tal-ġestjoni diretta. Madankollu, teżisti l-possibbiltà li tiġi implimentata azzjoni speċifika fil-kuntest ta' ġestjoni indiretta b'konnessjoni mal-finanzjament tas-segretarjat tal-FCTC.

Il-Programm tal-UE Kontra l-Frodi ġeneralment se jirreplika l-Programm Hercule eżistenti, flimkien mal-AFIS u l-IMS. Il-mekkaniżmi għall-implimentazzjoni tal-finanzjament, il-modalitajiet ta' pagament u l-miżuri ta' kontroll irriżultaw effiċjenti u proporzjonati. Dawn, għalhekk, se jitkomplew taħt il-Programm tal-UE Kontra l-Frodi, filwaqt li jittieħed vantaġġ mill-flessibbiltà introdotta mir-Regolament Finanzjarju, li għandu jiġi adottat fl-2018 (pereż. l-użu ta' somom f'daqqa, rati fissi u spejjeż ta' unità).

Iċ-ċirkwit finanzjarju li se jiġi applikat huwa mudell parzjalment deċentralizzat b'kontrapiż mit-taqsima tal-Baġit tal-OLAF għat-tranżazzjonijiet kollha ħlief għall-pagamenti tal-prefinanzjament fejn se jkunu segwiti l-modalitajiet ta' ġestjoni ċentralizzata.

Fl-OLAF, kull Kap ta' Unità u Direttur ingħata sottodelega mid-Direttur Ġenerali (Uffiċjal tal-Awtorizzazzjoni b'Delega) u għalhekk fit-termini tar-Regoli Interni dwar l-implimentazzjoni tal-baġit, l-uffiċjal tal-awtorizzazzjoni magħżul b'sottodelega (AOSD) jassumi responsabbiltà sħiħa għall-operazzjoni (jiġifieri finanzjarja u operazzjonali) tal-programm u - wara li jkun ivverifika li l-kompiti u l-kontrolli meħtieġa jkunu twettqu mit-taqsima tat-tnedija u tal-verifika – l-AOSD irid jiddeċiedi jekk jawtorizzax jew jirrifjutax l-operazzjoni.

Partikolaritajiet tal-fajls tas-sovvenzjonijiet:

- Is-sovvenzjonijiet se jkunu ġestiti b'mod elettroniku mit-tnedija tas-sejħa għal proposti sal-pagament finali permezz tas-sistema ta' ġestjoni tal-eGrants (sovvenzjonijiet elettroniċi) tal-Kummissjoni.

- Is-sovvenzjonijiet se jieħdu l-forma ta' waħda mill-forom simplifikati previsti mir-Regolament Finanzjarju, li se jiġi adottat fl-2018:

- somom f'daqqa;
- rata fissa;
- kostijiet unitarji.

Forom issimplifikati ta' sovvenzjonijiet jippermettu li l-uffiċjali tal-awtorizzazzjoni tal-OLAF responsabbli jiffukaw fuq l-implimentazzjoni adatta tal-azzjoni minflok fuq il-kostijiet attwali.

- Il-ftehimiet standard tas-sovvenzjonijiet jiddefinixxu l-kundizzjonijiet li japplikaw għall-finanzjament u għall-attivitajiet koperti mis-sovvenzjoni, inkluż kapitolu dwar il-metodi ta' kontroll.

- Skont diversi varjabbli (l-ammont tal-kuntratt, il-kumplessità tal-fajl) isiru kontrolli *ex post* fil-post mill-operaturi tal-fajls finanzjarji u operazzjonali. Waqt dawn il-kontrolli jiġu evalwati l-kwalità kif ukoll l-impatt finanzjarju tar-riżultati.

- Il-modalitajiet tal-pagament jiġu applikati b'mod uniformi, fuq il-bażi ta' prefinanzjament. Il-pagament tal-ammont tal-bilanċ isir fi żmien 60 jum mill-jum li fih jiġi ppreżentat ir-rapport finali.

Partikolaritajiet għall-fajls tal-Akkwist tal-OLAF:

- Se jiġu abbozzati termini ddettaljati ta' referenza li huma l-bażi tal-kuntratt speċifiku. Huma pervisti miżuri kontra l-frodi fil-kuntratti kollha ffirmati bejn l-OLAF u l-parti esterna.

- L-OLAF se jagħmel kontrolli tar-riżultati kollha u se jissorvelja l-operazzjonijiet u s-servizzi kollha mwettqa mill-kuntrattur qafas.

- Il-parti l-kbira tal-kompiti matul il-proċess ta' akkwist se jsiru b'mod elettroniku permezz tal-applikazzjonijiet differenti tal-akkwist elettroniku bħall-eTendering, eSubmission, eInvoice eċċ.

Taqsira:

L-esperjenza preċedenti bil-programmi Hercule I, II, III, kif ukoll bl-AFIS turi li l-modalitajiet ta' pagament u l-metodi ta' kontroll ħadmu tajjeb ħafna u ġiet żgurata l-konformità mar-Regolament Finanzjarju.

2.2.2. Informazzjoni dwar ir-riskji identifikati u s-sistema(i) ta' kontroll intern stabbiliti għall-mitigazzjoni tagħhom

L-OLAF stabbilixxa proċessi ta' kontroll intern sabiex jiżgura l-ġestjoni adegwata tar-riskji relatati mal-legalità u mar-regolarità tat-tranżazzjonijiet sottostanti, filwaqt li titqies in-natura pluriennali tal-programmi kif ukoll in-natura tal-pagamenti kkonċernati.

L-għan tal-kontroll huwa li jiġi żgurat li r-rata ta' żball stmata ma taqbiżx it-2 % fis-sena.

Fir-rigward tal-ftehimiet dwar is-sovvenzjonijiet il-livell ta' riskju huwa kkunsidrat baxx peress li f'madwar 90 % tal-azzjonijiet il-benefiċjarji huma l-amministrazzjonijiet pubbliċi jew is-servizzi tal-infurzar tal-liġi tal-Istati Membri.

Il-livell ta' riskju fil-każ ta' kuntratti mogħtija wara li jsir proċess ta' akkwist pubbliku għandu jiġi kkunsidrat baxx billi parti kbira mill-ispiża hija koperta legalment u finanzjarjament minn kuntratt ta' qafas li ġie ffirmat għal sena bil-possibilità li jkun estiż tliet (3) darbiet. Dan l-approċċ, li jinkludi konferenzi, studji, possibbilment it-taħriġ fil-forensika diġitali, il-kuntratti qafas użati fil-kuntest tal-AFIS, u l-laqgħat u t-taħriġ fir-Regolament 515/97, se jkompli jintuża fil-futur.

F'konformità mar-rekwiżiti tal-Kumissjoni, se jsir eżerċizzju ta' valutazzjoni tar-riskju kull sena.

Sistemi ta' Kontroll Intern:

L-unitajiet tal-operat huma responsabbli mill-verifiki operazzjonali. Fl-OLAF, il-fajls kollha jiġu vverifikati minn tal-anqas tliet persuni (żewġ aġenti finanzjarji u ieħor operazzjonali) qabel ma jiġu aċċettati u pproċessati mill-Uffiċjal tal-Awtorizzazzjoni b'Sottodelega (Authorising Officer by Sub-Delegation, AOSD).

Il-membri tal-persunal tal-OLAF innominati mill-uffiċjal awtorizzanti biex jivverifikaw l-operazzjonijiet finanzjarji jintgħażlu fuq il-bażi tal-għarfien, il-ħiliet u l-kwalifiki partikolari tagħhom kif muri minn diplomi jew minn esperjenza professjonali xierqa, jew inkella wara li jkunu segwew programm ta' taħriġ xieraq. Dawn jibqa' jkollhom taħriġ u żvilupp professjonali kontinwu sabiex iżommu l-livell meħtieġ ta' kompetenza maż-żmien.

L-Aġenti ta' Verifika Finanzjarja tat-Taqsima tal-Baġit tal-OLAF iwettqu kontrolli *ex ante* ta' kull tranżazzjoni (fajls tas-sovvenzjonijiet u tal-akkwist) li teħtieġ l-approvazzjoni tal-AOSD. Il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet jiġu kkontrollati fuq il-bażi ta' listi ta' kontroll waqt dawn il-kontrolli *ex ante*. Meta jiġu nnutati xi żbalji jew dgħufijiet, il-listi ta' kontroll jiġu aġġornati sabiex ikopru r-riskju identifikat.

Il-kontabbiltà tiġi vverifikata kull xahar mill-Korrispondent tal-Kontabbiltà ssorveljat mill-AOSD tat-Taqsima tal-Baġit.

Barra minn hekk, kull sena l-OLAF jivvaluta l-effettività tas-sistemi ta' kontroll intern tiegħu, inklużi l-proċessi li jisru mill-korpi ta' implimentazzjoni skont il-gwida applikabbli tal-Kummissjoni. Il-valutazzjoni tiddependi fuq għadd ta' miżuri ta' monitoraġġ u sorsi ta' informazzjoni li jinkludu valutazzjoni tar-riskju tal-ġestjoni, il-monitoraġġ ta' każijiet ta' eċċezzjonijiet irrapportati, avvenimenti ta' nuqqas ta' konformità u dgħufijiet fil-kontroll intern relatati mal-kostatazzjonijiet tal-awditjar.

2.2.3. Stima u ġustifikazzjoni tal-kosteffettività tal-kontrolli (proporzjon tal-"kostijiet tal-kontrolli ÷ il-valur tal-fondi relatati ġestiti"), u valutazzjoni tal-livelli mistennija tar-riskju ta' żball (mal-pagament u fl-għeluq)

L-OLAF ivvaluta dawn il-kostijiet tal-kontrolli bħala adegwati minħabba l-pożizzjoni atipika tal-OLAF bħala l-Uffiċċju inkarigat mill-ġlieda kontra l-frodi li tirrikjedi ambjent ta' kontroll b'saħħtu. L-għan tal-kontroll huwa li jiġi żgurat li r-rata ta' żball stmata ma taqbiżx it-2 % fis-sena.

Fuq il-bażi ta' valutazzjoni tal-indikaturi ewlenin l-aktar rilevanti dwar l-akkwist u r-riżultati tal-kontrolli, l-OLAF ivvaluta l-kosteffettività u l-effiċjenza tas-sistema ta' kontroll u wasal għal konklużjoni pożittiva.

Il-valutazzjoni ġeneralment tilħaq il-Livell 3 u f'xi każijiet il-Livell 4 meta tkun saret verifika fil-post.

Għas-Sovvenzjonijiet

L-ispiża totali tal-kontrolli relatati ma' sovvenzjonijiet (jiġifieri inklużi l-ispejjeż relatati ma' kontrolli finanzjarji *ex ante* u *ex post*) ġiet stmata fir-Rapport Annwali tal-Attività tal-2017 li hi 7,1 % tal-ammont totali tat-tranżazzjonijiet ikkonċernati. Wara l-introduzzjoni ta' formoli ssimplifikati fis-sejħiet għall-proposti tal-2019, huwa mistenni li l-ispiża tal-kontrolli tkompli tonqos għal 6,3 % tat-tranżazzjonijiet ikkonċernati.

Dawn il-kontrolli ma identifikaw ebda żball finanzjarju li seta' kellu impatt negattiv fuq il-livell ta' affidabbiltà. Dan ifisser li l-ġestjoni għandha livell ta' affidabbiltà suffiċjenti biex jinkisbu l-għanijiet ta' ġestjoni finanzjarja u ta' kontroll intern.

Għall-Akkwisti

Il-kostijiet tal-kontrolli għall-proċeduri tal-akkwist ġew ivvalutati fir-Rapport Annwali tal-Attività għal 1,59 % tal-baġit allokat għall-akkwist.

Huwa stmat li l-ispejjeż tal-kontrolli relatati mal-finanzjament possibbli tas-segretarjat tal-FCTC ikunu 1,4 %.

Il-kontrolli *ex post* ma identifikaw ebda żball finanzjarju sinifikanti li seta' kellu impatt negattiv fuq il-livell ta' affidabbiltà.

2.3. Miżuri għall-prevenzjoni ta' frodi u ta' irregolaritajiet

Speċifika l-miżuri ta' prevenzjoni u ta' protezzjoni eżistenti jew previsti, pereż. mill-Istrateġija Kontra l-Frodi.

L-interessi finanzjarji tal-Unjoni se jiġu protetti b'konformità mad-dispożizzjonijiet relevanti tar-Regolament Finanzjarju, kif imsemmi fil-Premessa 17 u fl-Artikolu 6 ta' din il-proposta.

B'mod ġenerali, l-azzjonijiet ta' mitigazzjoni diġà stabbiliti joffru livell ta' affidabbiltà raġonevoli li r-riskji ta' frodi huma ġestiti tajjeb u li l-possibbiltà hija miżmuma f'livell baxx. Minħabba l-valutazzjoni tar-riskju ta' frodi, l-ambjent ta' kontroll, il-proċeduri stabbiliti u l-missjoni tal-OLAF, ġie deċiż li tingħata attenzjoni lill-għanijiet li ġejjin:

1. Iż-żamma ta' livell għoli ta' kontroll għall-fondi ġestiti mill-OLAF

Għalkemm l-OLAF għandu baġit żgħir għall-operat u tranżazzjonijiet finanzjarji limitati, il-missjoni tiegħu fil-ġlieda kontra l-frodi tirrikjedi li jmexxi bl-eżempju tiegħu. Għaldaqstant, l-OLAF jillimita r-riskju ta' frodi billi jkollu ambjent ta' kontroll b'saħħtu fuq il-fondi li jġestixxi.

2. Il-promozzjoni tal-ogħla livell ta' integrità tal-persunal tal-OLAF

L-eżistenza ta' kultura korporattiva li tiffavorixxi l-integrità tal-persunal hija ta' importanza ewlenija fil-ġlieda kontra l-frodi. Għal dan l-għan huwa importanti li jkunu stabbiliti regoli li huma rikonoxxuti minn kulħadd u ċari għal kulħadd.

3. IMPATT FINANZJARJU STMAT TAL-PROPOSTA / INIZJATTIVA

3.1. Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali u l-linji baġitarji ġodda tan-nefqa proposti

Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali	Linja baġitarja	Tip ta' nefqa	Kontribuzzjoni			
	Numru [Intestatura……...……]	Diff./Mhux-diff[38].	mill-pajjiżi EFTA[39]	mill-pajjiżi kandidati[40]	minn pajjiżi terzi	fit-tifsira tal-Artikolu [21(2)(b)] tar-Regolament Finanzjarju
1	03 03 Il-Programm tal-UE Kontra l-Frodi	Diff	IVA	IVA	IVA	LE
	03 03 01 Il-prevenzjoni tal-frodi u l-ġlieda kontriha, il-korruzzjoni u kull attività illegali oħra li taffettwa l-interessi finanzjarji tal-UE	Diff	IVA	IVA	IVA	LE
	03 03 02 Appoġġ għar-rapportar tal-irregolaritajiet, inkluża l-frodi	Diff	IVA	IVA	IVA	LE
	03 03 03 Il-forniment ta' fondi għal azzjonijiet li jitwettqu b'konformità mar-Regolament 515/97	Diff	IVA	IVA	IVA	LE

38 Diff. = Approprjazzjonijiet differenzjati / Mhux-diff. = Approprjazzjonijiet mhux differenzjati.

39 EFTA: Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles.

40 Pajjiżi kandidati u, fejn applikabbli, kandidati potenzjali mill-Balkani tal-Punent.

3.2. L-impatt stmat fuq in-nefqa

3.2.1. Sommarju tal-impatt stmat fuq in-nefqa[41]

EUR miljun (sa tliet punti deċimali)

Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali	**1**	Suq Uniku, Innovazzjoni u Diġitali

			2021	**2022**	**2023**	**2024**	**2025**	**2026**	**2027**	***Wara l-2027***	**TOTAL**
03 03 01 Il-prevenzjoni tal-frodi u l-ġlieda kontriha, il-korruzzjoni u kull attività illegali oħra li taffettwa l-interessi finanzjarji tal-UE	Impenji	(1)	15.160	15.359	15.662	16.075	16.608	17.270	18.073		**114.207**
	Pagamenti	(2)	9.023	12.700	14.623	15.500	15.900	16.400	17.500	12.561	**114.207**
03 03 02 Appoġġ għar-rapportar tal-irregolaritajiet, inkluża l-frodi	Impenji	(3)	0.929	0.941	0.960	0.985	1.018	1.059	1.108		**7.000**
	Pagamenti	(4)	0.929	0.941	0.960	0.985	1.018	1.059	1.108	p.m.	**7.000**
03 03 03 Il-forniment ta' fondi għal azzjonijiet li jitwettqu b'konformità mar-Regolament 515/97	Impenji	(5)	7.964	8.069	8.228	8.445	8.725	9.073	9.495		**60.000**
	Pagamenti	(6)	7.566	7.665	7.817	8.023	8.289	8.620	9.020	3.000	**60.000**
Approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva ffinanzjata mill-pakkett tal-programm[42]	Impenji = Pagamenti	(7)	**0**	**0**	**0**	**0**	**0**	**0**	**0**		

[41] It-totali jistgħu ma jaqblux minħabba l-arrotondament.

[42] Assistenza teknika u / jew amministrattiva u nefqa b'sostenn għall-implimentazzjoni ta' programmi u / jew ta' azzjonijiet tal-UE (li qabel kienu l-linji "BA"), riċerka indiretta u riċerka diretta.

TOTAL tal-approprjazzjonijiet għall-pakkett tal-programm	Impenji	=1+3+5+7	24.053	24.369	24.850	25.506	26.351	27.402	28.676		**181.207**
	Pagamenti	=2++4+6	17.518	21.307	23.400	24.508	25.207	26.078	27.628	15.561	**181.207**

Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali	7	"Nefqa amministrattiva"

Din it-taqsima jeħtieġ li timtela billi tintuża "d-*data* bażitarja ta' natura amministrattiva" li qabel kollox trid tiġi introdotta fl-Anness tad-Dikjarazzjoni Finanzjarja Leġiżlattiva (l-Anness V tar-regoli interni), li jittella' fid-DECIDE għal finijiet ta' konsultazzjoni bejn is-servizzi.

EUR miljun (sa tliet punti deċimali)

		2021	2022	2023	2024	2025	2026	2027	*Wara l-2027*	TOTAL
Riżorsi umani		1.502	1.502	1.502	1.502	1.502	1.502	1.502		**10.514**
Nefqa amministrattiva oħra		0.015	0.015	0.015	0.015	0.015	0.015	0.015		**0.105**
TOTAL tal-approprjazzjonijiet fl-INTESTATURA 7 tal-qafas finanzjarju pluriennali	(Impenji totali = Pagamenti totali)	**1.517**	**1.517**	**1.517**	**1.517**	**1.517**	**1.517**	**1.517**		**10.619**

EUR miljun (sa tliet punti deċimali)

		2021	2022	2023	2024	2025	2026	2027	*Wara l-2027*	TOTAL
Approprjazzjonijiet TOTALI fl-INTESTATURI kollha tal-qafas finanzjarju pluriennali	Impenji	**25.570**	**25.886**	**26.367**	**27.023**	**27.868**	**28.919**	**30.193**		**191.826**
	Pagamenti	25.012	25.180	23.927	24.518	25.280	26.228	27.377	25.012	**191.826**

3.2.2. Sommarju tal-impatt stmat fuq l-approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva

– ☐ Il-proposta / l-inizjattiva ma teħtieġx l-użu ta' approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva

– ☑ Il-proposta / l-inizjattiva teħtieġ l-użu ta' approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva, kif spjegat hawn taħt:

EUR miljun (sa tliet pożizzjonijiet deċimali)

Snin	2021	2022	2023	2024	2025	2026	2027	TOTAL
INTESTATURA 7 tal-qafas finanzjarju pluriennali								
Riżorsi umani	1.502	1.502	1.502	1.502	1.502	1.502	1.502	**10.514**
Nefqa amministrattiva oħra	0.015	0.015	0.015	0.015	0.015	0.015	0.015	**0.105**
Subtotal tal-INTESTATURA 7 tal-qafas finanzjarju pluriennali	1.517	1.517	1.517	1.517	1.517	1.517	1.517	**10.619**

Barra mill-INTESTATURA 7[43] tal-qafas finanzjarju pluriennali								
Riżorsi umani								
Nefqa oħra ta' natura amministrattiva								
Subtotal barra mill-INTESTATURA 7 tal-qafas finanzjarju pluriennali								

TOTAL	**1.517**	**1.517**	**1.517**	**1.517**	**1.517**	**1.517**	**1.517**	**10.619**

L-approprjazzjonijiet meħtieġa għar-riżorsi umani u għal nefqa oħra ta' natura amministrattiva se jiġu koperti mill-approprjazzjonijiet tad-DĠ li diġà huma assenjati għall-ġestjoni tal-azzjoni u / jew li ġew allokati mill-ġdid fid-DĠ, flimkien, jekk ikun meħtieġ, ma' kull allokazzjoni addizzjonali li tista' tingħata lid-DĠ ta' ġestjoni skont il-proċedura annwali ta' allokazzjoni u fid-dawl tal-limitazzjonijiet baġitarji.

[43] Assistenza teknika u / jew amministrattiva u nefqa li tappoġġa l-implimentazzjoni ta' programmi u / jew ta' azzjonijiet tal-UE (dawk li qabel kienu l-linji "BA"), riċerka indiretta, riċerka diretta.

3.2.2.1. Rekwiżiti stmati tar-riżorsi umani

– ☐ Il-proposta / l-inizjattiva ma teħtieġx l-użu ta' riżorsi umani.

– ☑ Il-proposta / l-inizjattiva tirrikjedi l-użu tar-riżorsi umani, kif spjegat hawn taħt:

L-istima li trid tingħata f'unitajiet ekwivalenti għal full time

Snin		**2021**	**2022**	**2023**	**2024**	**2025**	**2026**	**2027**
• Pożizzjonijiet fil-pjan ta' stabbiliment (uffiċjali u persunal temporanju)								
Kwartieri ġenerali u Uffiċċji ta' Rappreżentanza tal-Kummissjoni		10.5	10.5	10.5	10.5	10.5	10.5	10.5
Delegazzjonijiet								
Riċerka								
• Persunal estern (f'unità Ekwivalenti għal Fulltime: FTE) - AC, AL, END, INT u JED [44] Intestatura 7								
Iffinanzjati mill-INTESTATURA 7 tal-qafas finanzjarju pluriennali	- fil-Kwartieri Ġenerali							
	- fid-Delegazzjonijiet							
Iffinanzjati mill-pakkett tal-programm [45]	- fil-Kwartieri Ġenerali							
	- fid-Delegazzjonijiet							
Riċerka								
Oħrajn (speċifika)								
TOTAL		**10.5**	**10.5**	**10.5**	**10.5**	**10.5**	**10.5**	**10.5**

Deskrizzjoni tal-kompiti li jridu jitwettqu:

Uffiċjali u aġenti temporanji	6 Uffiċjali AD: ippjanar strateġiku, monitoraġġ u rieżami 4,5 AST: maniġers diretti u verifika operazzjonali u finanzjarja
Persunal estern	

Ir-riżorsi umani meħtieġa se jiġu mill-persunal tad-DĠ li diġà jkun assenjat għall-ġestjoni tal-azzjoni u / jew ġie riallokat fid-DĠ, flimkien, jekk inhu meħtieġ ma' kull allokazzjoni addizzjonali li tista' tingħata lid-DĠ ta' ġestjoni skont il-proċedura annwali ta' allokazzjoni u fid-dawl tal-limiti baġitarji.

[44] AC = Aġenti Kuntrattwali; AL = Persunal Lokali; END = Espert Nazzjonali Sekondat; INT= Persunal tal-aġenzija; JPD = Esperti Subordinati fid-Delegazzjonijiet.

[45] Sottolimitu għall-persunal estern kopert mill-approprjazzjonijiet operazzjonali (li qabel kienu l-linji "BA").

3.2.3. Il-kontribuzzjonijiet ta' partijiet terzi

Il-proposta / l-inizjattiva:

– ☑ ma tipprevedix il-kofinanzjament minn partijiet terzi

– ☐ tipprevedi l-kofinanzjament minn partijiet terzi u li qed jiġi stmat hawn taħt:

Approprjazzjonijiet f'miljuni ta' EUR (aġġustati għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

Snin	2021	2022	2023	2024	2025	2026	2027	TOTAL
Speċifika l-korp ta' kofinanzjament								
Approprjazzjonijiet TOTALI kofinanzjati								

3.3. L-impatt stmat fuq id-dħul

– ☑ Il-proposta / l-inizjattiva ma għandha l-ebda impatt finanzjarju fuq id-dħul.

– ☐ Il-proposta / l-inizjattiva għandha l-impatt finanzjarju li ġej:

  – ☐ fuq ir-riżorsi proprji

  – ☐ fuq dħul ieħor

indika, jekk id-dħul huwa assenjat għal-linji tan-nefqa ☐

EUR miljun (sa tliet punti deċimali)

Linja tad-dħul tal-baġit:	L-impatt tal-proposta / inizjattiva[46]						
	2021	2022	2023	2024	2025	2026	2027
Artikolu …….							

Għal dħul assenjat, speċifika l-linji baġitarji tan-nefqa affettwati.

[…]

Rimarki oħra (pereż. metodu / formula użati għall-kalkolu tal-impatt fuq id-dħul jew kull informazzjoni oħra).

[…]

[46] Fir-rigward tar-riżorsi proprji tradizzjonali (id-dazji doganali, l-imposti fuq iz-zokkor), l-ammonti indikati jridu jkunu ammonti netti, jiġifieri ammonti grossi wara t-tnaqqis ta' 20 % għall-kostijiet tal-ġbir.